



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

2 ta' Settembru 2021 \*

“Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Direttiva 91/271/KEE – Artikoli 4, 5, 10 u 15 – Trattament ta' ilma urban mormi – Trattament sekondarju jew ekwivalenti tal-ilma urban mormi provenjenti minn agglomerazzjonijiet ta' ċertu daqs – Trattament iktar strett tal-iskariki f'żoni sensittivi – Artikolu 4(3) TUE – Verifika tad-data kkomunikata mill-Istati Membri – Obbligu ta' kooperazzjoni leali”

Fil-Kawża C-22/20,

li għandu bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, imressaq fis-17 ta' Jannar 2020

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn E. Manhaeve, C. Hermes u K. Simonsson kif ukoll minn E. Ljung Rasmussen, bħala aġenti,

rikorrenti,

vs

**Ir-Renju tal-Isvezja**, irrappreżentat minn O. Simonsson kif ukoll minn R. Shahsavan Eriksson, C. Meyer-Seitz, M. Salborn Hodgson, H. Shev u H. Eklinder, bħala aġenti,

konvenut,

### IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn M. Vilaras, President tal-Awla, N. Piçarra, D. Šváby, S. Rodin (Relatur) u K. Jürimäe, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali ppreżentati fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2021,

tagħti l-preżenti

\* Lingwa tal-kawża: l-Isvediż.

## Sentenza

- 1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li:
  - billi ma kkomunikax lill-Kummissjoni l-informazzjoni neċessarja sabiex tiġi vverifikata l-eżattezza tal-allegazzjonijiet li l-ilma urban mormi mill-impjanti ta' trattament tal-agglomerazzjonijiet ta' Habo u ta' Töreboda jissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE ta' l-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament ta' l-ilma urban mormi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 26), kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 (ĠU 2008, L 311, p. 1) (iktar 'il quddiem id-“Direttiva 91/271”), ir-Renju tal-Isvezja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 4(3) TUE,
  - billi ma żgurax li, qabel ma jiġi skarikat, l-ilma urban mormi li joriġina mill-agglomerazzjonijiet ta' Lycksele, ta' Malå, ta' Mockfjärd, ta' Pajala, ta' Robertsfors u ta' Tännadalen, ikun suġġett għal trattament sekondarju jew għal trattament ekwivalenti skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271, ir-Renju tal-Isvezja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva, moqri flimkien mal-Artikoli 10 u 15 tagħha, u
  - billi ma żgurax li, qabel ma jiġi skarikat, l-ilma urban mormi li joriġina mill-agglomerazzjonijiet ta' Borås, ta' Skoghall, ta' Habo u ta' Töreboda, ikun suġġett għal trattament iktar rigoruż minn dak deskritt fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271 u jkun konformi mar-rekwiżiti tagħha, ir-Renju tal-Isvezja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva, moqri flimkien mal-Artikoli 10 u 15 tagħha.

## Il-kuntest ġuridiku

- 2 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 91/271 jipprevedi:

“Din id-Direttiva tikkonċerna l-ġbir, it-trattament u l-iskariki ta' ilma mormi urban u t-trattament u l-iskariki ta' ilma mormi minn ċertu setturi industrijali.

L-għan tad-Direttiva huwa li tipproteġi l-Ambjent minn effetti negattivi iskariki ta' ilma mormi hawn fuq imsemmija.”
- 3 L-Artikolu 4 ta' din id-direttiva jinqara kif ġej:

“1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ilma mormi urban li jidħol f'sistemi ta' ġbir għandu ma jkun skarikat ikun suġġett għal trattament sekondarju jew trattament ekwivalenti ieħor kif ġej:

  - sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2000 għall-skariki kollha minn agglomerazzjoni ta' aktar minn 15000 (ekwivalenti ta' popolazzjoni (e.p.)),
  - sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005 għall-skariki kollha minn agglomerazzjoni ta' bejn l-10000 u l-15000 e.p.,
  - sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005 għal skariki li jispiċċaw filma ħelu u estwarji minn agglomerazzjonijiet ta' bejn l-2000 u l-10000 e.p.

[...]

2. Skariki ta' ilma mormi urban għal ġo ilmijiet li jinsabu f'reġjuni ta' muntanji għoljin (aktar minn 1500 mil fuq mil-livell tal-baħar), fejn huwa diffiċli li wieħed japplika trattament bioloġiku effettiv minħabba t-temperaturi baxxi, jista' jkun suġġett għal trattament inqas strett minn dak preskritt fil-paragrafu 1, sakemm studji dettaljati juru li dawk l-skariki ma jaffettwawx lill-ambjent b'mod negattiv.

3. L-iskariki minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban deskritti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jilhqqu l-kriterji rilevanti ta' l-Anness I B. Il-Kummissjoni tista' temenda dawn il-kriterji. Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 18(3).

4. It-toqol espress f'termini ta' e.p. għandu jkun ikkalkulat fuq il-bażi tat-toqol massimu medju ta' ġimgħa li jidħol fl-impjant ta' trattament ta' ilma mormi matul is-sena, esklużi biss sitwazzjonijiet mhux tas-soltu bħal dawk li jiġu kkawżati minn xita qalila."

4 L-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"1. Għall-għanijiet tal-paragrafu 2, l-Istati Membri sal-31 ta' Diċembru 1993 għandhom jidentifikaw żoni sensittivi skond il-kriterji stabbiliti fl-Anness II.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ilma mormi urban li jidħol f'sistemi ta' ġbir ikun, qabel ma jippermettu l-iskarikar tiegħu f'żoni sensittivi, soġġett għal trattament iktar strett minn dak deskritt fl-Artikolu 4, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1998 għall-skariki kollha minn agglomerazzjonijiet ta' aktar minn 10000 e.p.

3. L-iskariki minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban deskritti fil-paragrafu 2 għandhom jilhqqu l-kriterji rilevanti ta' l-Anness I B. Il-Kummissjoni tista' temenda dawn il-kriterji. Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 18(3).

4. Alternattivament, kriterji għall-impjanti individwali stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 hawn fuq m'għandhomx għalfejn ikunu applikabbli f'żoni sensittivi fejn jista' jintwera li l-persentaġġ minimu ta' tnaqqis tat-toqol ġenerali li jidħol fl-impjanti tat-trattament ta' l-ilma mormi kollha f'dik iż-żona jkun minn ta' lanqas 75 % għall-fosfru totali u minn ta' lanqas 75 % għan-nitroġenu totali.

5. Skariki minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban li jkunu jinsabu fiż-żoni li fihom jinġabar l-ilma rilevanti ta' żoni sensittivi u li jikkontribwixxu għat-tniġġis ta' dawn iż-żoni għandhom ikunu soġġetti għall-paragrafi 2, 3 u 4.

F'każijiet fejn iż-żoni li jinġabar fihom l-ilma msemija fuq ikunu jinsabu kompletament jew parzjalment fi Stat Membru ieħor, għandu japplika l-Artikolu 9.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-identifikazzjoni ta' żoni sensittivi tkun riveduta f'intervalli ta' mhux aktar minn erba' snin.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li żoni identifikati bħala sensittivi wara li jkunu ġew riveduti taħt il-paragrafu 6 għandhom jilhqqu l-kriterji hawn fuq imsemmija fi żmien seba' snin.

8. Stat Membru m'għandux għalfejn jidentifika żoni sensittivi għall-għan ta' din id-Direttiva jekk dan jimplimenta t-trattament stabbilit taħt il-paragrafi 2, 3 u 4 fit-territorju kollu tiegħu.”

5 Skont l-Artikolu 10 tal-istess direttiva:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban mibnija biex iħarsu l-kriterji ta' l-Artikoli 4, 5, 6 u 7 ikunu ppjanati, mibnija, mħaddma u miżmuma biex jiżguraw operat suffiċjenti taħt il-kondizzjonijiet klimatiċi normali kollha. Meta dawn l-impjanti jkunu qed jiġu mfassla, għandhom jiġu kkunsidrati varjazzjonijiet tat-toqol skond l-istaġuni tas-sena.”

6 L-Artikolu 15 tad-Direttiva 91/271 jipprevedi:

“1. L-awtoritajiet kompetenti jew l-entitajiet xierqa għandhom jissorveljaw:

– — l-iskariki minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban biex jivverifikaw il-konformità mal-kriterji ta' l-Anness I. B, skond il-proċeduri ta' kontroll stabbiliti fl-Anness I. D,

– — l-ammonti u l-komposizzjoni tal-ħama li tintrema fl-ilmijiet tas-superfiċi.

2. L-awtoritajiet kompetenti jew l-entitajiet xierqa għandhom jissorveljaw l-ilmijiet fejn iseħħu skariki minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban u skariki diretti, hekk kif deskritt fl-Artikolu 13, f'każijiet fejn huwa mistenni li l-ambjent riċeventi se jkun affettwat b'mod sinifikanti.

3. Fil-każ ta' skarika suġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 u fil-każ ta' disponiment ta' ħama fl-ilmijiet tas-superfiċi, l-Istati Membri għandhom jissorveljaw u jagħmlu studji rilevanti oħra biex jivverifikaw li l-emissjoni jew id-disponiment ma jkunx jaffettwa lill-ambjent b'mod negattiv.

4. L-informazzjoni miġbura mill-awtoritajiet kompetenti jew mill-entitajiet xierqa f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 għandha tinżamm fl-Istat Membru u tkun disponibbli lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mill-irċevuta ta' talba.

5. Il-Kummissjoni tista' tifformula linji gwida dwar is-sorveljanza msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3, konformement mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 18(2).”

7 Il-punt B tal-Anness I ta' din id-direttiva huwa fformulat kif ġej:

“ Skarika minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi għall-ilmijiet li riċeventi [...]

1. Impjanti tat-trattament ta' l-ilma mormi għandhom ikunu ppjanati u modifikati biex kampjun rappreżentattiv ta' l-ilma mormi li jkun dieħel u l-effluwent ittrattat ikun jista' jinkiseb qabel ma dan jintrema fl-ilmijiet riċeventi.

2. Skarika minn impjant tat-trattment ta' l-ilma mormi urban soġġetti għat-trattament skond l-Artikoli 4 u 5 għandhom jilhqqu l-kondizzjonijiet murija fit-Tabella 1.

3. Skarika minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban għal ġo daww iż-żoni sensittivi li huma soġġetti għal ewtrofikazzjoni, kif identifikati fl-Anness II. A (a), għandhom jilhqqu wkoll il-kriterji murija fit-Tabella 2 ta' dan l-Anness.

4. Kriterji aktar stretti minn dawk murija fit-Tabella 1 u/jew Tabella 2 għandhom ikunu applikati fejn huwa meħtieġ li jkun żgurat li l-ilmijiet riċeventi jissodisfaw kwalunkwe Direttiva rilevanti oħra.

5. Il-punti ta' skarikar ta' l-ilma mormi urban għandhom ikunu magħżula, kemm jista' jkun possibbli, biex jitnaqqsu l-effetti fuq l-ilmijiet riċeventi.”

8 L-Anness I tal-imsemmija direttiva jipprevedi li:

“Metodi ta' referenza għal sorveljanza u evalwazzjoni tar-riżultati

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun applikat Metodu ta' sorveljanza li jkun jikkorrispondi għal ta' lanqas mal-livell tal-kriterji deskritti hawn taħt.

Metodi alternattivi għal dawk imsemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4 jistgħu jintużaw, sakemm jintwera li jintlaħqu riżultati ekwivalenti.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni rilevanti kollha li tikkonċerna l-Metodu li jkun ġie applikat. Jekk il-Kummissjoni tkun tikkunsidra li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4 ma jkunux intlaħqu, hi għandha tissottometti proposta xierqa lill-Kunsill.

2. Kampjuni ta' ħamla flow-proportional jew dawk ibbażati fuq perjodu ta' 24 siegħa għandhom jinġabru fl-istess post definit tajjeb fl-iżbokk u jekk ikun meħtieġ fid-daħla ta' l-impjant tat-trattament biex tiġi sorveljata l-konformità mal-kriterji ta' l-ilma mormi skarikat hekk kif stabbilit f'din id-Direttiva.

Għandhom ikunu applikati prattiċi tajbin internazzjonali tal-laboratorju li għandhom l-għan li jnaqqsu d-degradazzjoni tal-kampjuni bejn il-kollezzjoni u l-analiżi.

3. In-numru minimu annwali ta' kampjuni għandu jkun determinat skond il-qies ta' l-impjant tat-trattament u dawn għandhom jinġabru f'intervalli regolari matul is-sena:

|                          |                                                                                                                                                                                                                                                                                 |
|--------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| – 2 000 sa 9 999 e.p.:   | 12-il kampjun matul l-ewwel sena.<br>Erba' kampjuni fis-snin ta' wara, jekk ikun jista' jintwera li l-ilma matul l-ewwel sena ikun jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva; jekk wieħed mill-erba' kampjuni ifalli, għandhom jittieħdu 12-il kampjun fis-sena ta' wara. |
| – 10 000 sa 49 999 e.p.: | 12-il kampjun.                                                                                                                                                                                                                                                                  |
| – 50 000 e.p. jew aktar: | 24 kampjun.                                                                                                                                                                                                                                                                     |

4. L-ilma mormi ittrattat għandu jitqies li jikkonforma mal-parametri rilevanti jekk, għal kull parametru rilevanti kkunsidrat individwalment, il-kampjuni ta' l-ilma juru li dan ikun jikkonforma mal-valuri parametriċi rilevanti bil-mod kif ġej:

(a) għall-parametri speċifikati fit-Tabella 1 u l-Artikolu 2(7), in-numru massimu ta' kampjuni li jistgħu ma jissodisfawx il-kriterji, espressi f'termini ta' konċentrazzjonijiet u/jew tnaqqis fil-perċentaġġi fit-Tabella 1 u fl-Artikolu 2(7), huwa speċifikat fit-Tabella 3; |

(b) għall-parametri tat-Tabella 1 espressi f'konċentrazzjonijiet, il-kampjuni li jeħlu li jkunu ttieħdu taħt kondizzjonijiet normali ta' użu m'għandhomx jiddevjaw mill-valuri parametriċi b'aktar minn 100 %. Għall-valuri parametriċi f'konċentrazzjoni li għandha x'taqsam mas-solidi sospiżi totali, devjazzjonijiet sa 150 % jistgħu jkunu aċċettati;

(ċ) għal dawk il-parametri speċifikati fit-Tabella 2 il-medja annwali tal-kampjuni għal kull parametru għandha tikkonforma mal-valuri parametriċi rilevanti.

5. Valuri estremi għall-kwalità ta' l-ilma in kwistjoni m'għandhomx jiġu kkunsidrati meta dawn ikunu r-riżultat ta' sitwazzjonijiet mhux tas-soltu, bħal ma hi xita qawwija."

9 It-tabelli 1 sa 3 tal-Anness I tal-istess direttiva huma redatti kif ġej:

"Tabella 1: Ħtiġiet għar-rimi minn makkinarju għat-trattament ta' skart urban ta' ilma skond l-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva. Il-valuri għall-konċentrazzjoni jew għall-persentaġġ ta' tnaqqis għandhom japplikaw.

| Parametri                                                                                               | Konċentrazzjoni                                                                                                           | Perċentaġġ minimu ta' tnaqqis <sup>(1)</sup>                                                                         | Metodu ta' referenza ta' kejl                                                                                                                                                                                                                                               |
|---------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Domanda għal ossiġnu bio-kemikali (BOD5 f'temperatura ta' 20°C) mingħajr nitrifikazzjoni <sup>(2)</sup> | [2]5 mg/l O <sub>2</sub>                                                                                                  | 70-90<br>40 taħt l-Artikolu 4(2)                                                                                     | Kampjun omoġenezzat mhux iffiltrat u mhux imsawwab. Determinazzjoni ta' ossiġnu maħlul qabel u wara inkubazzjoni ta' ħamest ijiem f'temperatura ta' 20 °C ± 1 °C fi dlam komplet. Żjieda ta' inibitur ta' nitrifikazzjoni.                                                  |
| Domanda għal ossiġnu kemikali (DOK)                                                                     | 125 mg/l O <sub>2</sub>                                                                                                   | 75                                                                                                                   | Kampjun (...) omoġenezzat, mhux iffiltrat u mhux imsawwab. (Dikromat tal-potassju).                                                                                                                                                                                         |
| Solidi totali sospiżi                                                                                   | 35 mg/l <sup>(3)</sup><br>35 taħt l-Artikolu 4(2) (aktar minn 10 000 e.p.)<br>60 taħt l-Artikolu 4(2) (2 000-10 000 e.p.) | 90 <sup>(3)</sup><br>90 taħt l-Artikolu 4(2) (aktar minn 10 000 e.p.)<br>70 taħt l-Artikolu 4(2) (2 000-10 000 e.p.) | Iffiltrar ta' kampjun rappreżentattiv minn ġo filtru tal-membrane ta' 0,45 mm  (tinxif għal 105 °C u mwieżen) Centrifugar ta' kampjun rappreżentattiv (għal ta' lanqas ħames minuti b'aċċelerazzjoni medja ta' 2 800 sa 3 200 g), li jinxf f'temperatura ta' 105 °C u jiżen |

(1) Tnaqqis f'relazzjoni għat-toqol ta' l-influent. |

(2) Il-parametru jista' jinbidel b'ieħor: il-karbon organiku kollu (TOC) jew id-domanda totali għall-ossiġnu (TOD) jekk tista' tiġi stabbilita relazzjoni bejn BOD5 u l-parametru sostitut

3) Dan il-kriterju huwa diskrezzjonali.

Analiżi li jikkonċernaw skariki minn lagunar għandhom isiru fuq kampjuni ffiltrati; iżda, il-konċentrazzjoni tas-solidi totali sospiżi f'kampjuni ta' l-ilma mhux iffiltrati m'għandhiex teċċedi aktar minn 150 mg/l.

Tabella 2: Kriterji għall-iskariki minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban f'żoni sensittivi li jkunu soġġetti għal ewtrofikazzjoni kif identifikat fl-Anness II. A (a). Wieħed jew iż-żewġ parametri jistgħu jkunu applikati, skond is-sitwazzjoni lokali. Il-valuri għal konċentrazzjoni jew għal tnaqqis fil-perċentaġġ għandhom japplikaw

| Parametri                       | Konċentrazzjoni                                     | Perċentaġġ minimu ta' tnaqqis <sup>(1)</sup> | Metodu ta' referenza ta' kejl                 |
|---------------------------------|-----------------------------------------------------|----------------------------------------------|-----------------------------------------------|
| Fosforu Totali                  | 2 mg/l (10 000-100 000 p.e.)                        | 80                                           | Spektrofotometrija ta' assorbiment molekulari |
|                                 | 1mg/l (iktar minn 100000 p.e.)                      |                                              |                                               |
| Nitroġenu Totali <sup>(2)</sup> | 15-il mg/l (10 000-100 000) <sup>(3)</sup>          | 70-80                                        | Spektrofotometrija ta' assorbiment molekulari |
|                                 | 10-il mg/l (iktar minn 100 000 p.e.) <sup>(3)</sup> |                                              |                                               |

(1) Tnaqqis relatat mat-tgħabija ta' l-influent

(2) Total ta' nitroġenu ifisser it-total tan-nitroġenu Kjeldahl totali (nitroġenu organiku u nitroġenu fl-ammonja), in-nitroġenu fin-nitrati u n-nitroġenu fin-nitriti.

(3) Dawn il-valuri tal-konċentrazzjoni huma medji annwali kif imsemmi fil-Paragrafu D.4(c) ta' l-Anness I. Madankollu, ir-rekwiżiti tan-nitroġenu jistgħu jiġu verifikati permezz tal-medja ta' kull jum meta jkun hemm provi li, skond il-Paragrafu D.1 ta' l-Anness I, jinkiseb l-istess livell ta' protezzjoni. F'dan il-każ, il-medja ta' kull jum m'għandhiex taqbeż l-20 mg/l ta' nitroġenu totali għall-kampjuni kollha meta t-temperatura mill-effluwent tar-reattur bioloġiku tkun ogħla minn 12-il grad Celcius. Il-kondizzjonijiet tat-temperatura jistgħu jinbidlu b'limitu impost fuq il-ħin ta' l-operazzjoni biex b'hekk tkun kunsidrata l-klima reġjonali.

Tabella 3

| Serje ta' kampjuni meħuda f'sena | In-numru massimu permess ta' kampjuni li jonqsu milli jikkonformaw |
|----------------------------------|--------------------------------------------------------------------|
| 4-7                              | 1                                                                  |
| 8-16                             | 2                                                                  |
| 17-28                            | 3                                                                  |
| 29-40                            | 4                                                                  |
| 41-53                            | 5                                                                  |
| 54-67                            | 6                                                                  |
| 68-81                            | 7                                                                  |
| 82-95                            | 8                                                                  |
| 96-110                           | 9                                                                  |
| 111-125                          | 10                                                                 |
| 126-140                          | 11                                                                 |
| 141-155                          | 12                                                                 |
| 156-171                          | 13                                                                 |
| 172-187                          | 14                                                                 |
| 188-203                          | 15                                                                 |
| 204-219                          | 16                                                                 |
| 220-235                          | 17                                                                 |

|         |     |
|---------|-----|
| 236-251 | 18  |
| 252-268 | 19  |
| 269-284 | 20  |
| 285-300 | 21  |
| 301-317 | 22  |
| 318-334 | 23  |
| 335-350 | 24  |
| 351-365 | 25" |

## Il-proċedura prekontenzjuża

- 10 Fid-29 ta' Jannar 2010, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Renju tal-Isvezja, li biha hija staqsiet lil dan l-Istat Membru dwar il-konformità tas-sistema tiegħu ta' trattament tal-ilma urban mormi mad-Direttiva 91/271.
- 11 B'mod iktar partikolari, il-Kummissjoni qieset, minn naħa, li l-imsemmi Stat Membru kien naqas milli jiżgura li l-ilma mormi ta' tlettax-il agglomerazzjoni jkun suġġett għal trattament sekondarju jew għal trattament ekwivalenti konformement mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4(1) u (3) tad-Direttiva 91/271. Min-naħa l-oħra, din l-istituzzjoni qieset li l-istess Stat Membru kien naqas milli jiżgura li l-ilma mormi ta' tliet agglomerazzjonijiet ikun suġġett għal trattament iktar rigoruż minn dak deskritt fl-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, konformement mar-rekwiżiti tal-Artikolu 5(2) u (3) tagħha.
- 12 Ir-Renju tal-Isvezja rrisponda għal din l-ittra ta' intimazzjoni permezz ta' ittri tal-1 ta' April u tal-4 ta' Novembru 2010.
- 13 Peress li ma kinitx issodisfatta bl-ispejgazzjonijiet ipprovduti minn dan l-Istat Membru, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibgħatlu ittra ta' intimazzjoni addizzjonali, fil-25 ta' Settembru 2015, li fiha hija identifikat 11-il agglomerazzjoni addizzjonali li ma kellhomx sistema ta' trattament sekondarju jew sistema ta' trattament ekwivalenti u 26 agglomerazzjoni addizzjonali li għalihom dan l-Istat Membru ma kienx żgura li jitwettaq trattament iktar rigoruż, fis-sens tal-Artikolu 5(2) u (3) tad-Direttiva 91/271. Barra minn hekk, il-Kummissjoni stiednet lir-Renju tal-Isvezja jagħti kjarifiki dwar is-sitwazzjoni ta' żewġ agglomerazzjonijiet li fir-rigward tagħhom din l-istituzzjoni qieset li huwa kien naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 4(1) u (3) tad-Direttiva 91/271.
- 14 Fil-25 ta' Novembru 2015, ir-Renju tal-Isvezja rrisponda għall-ittra ta' intimazzjoni addizzjonali.
- 15 Wara li rċeviet ir-rapport, stabbilit konformement mal-Artikolu 15 tad-Direttiva 91/271, ikkomunikat mir-Renju tal-Isvezja fl-2016, il-Kummissjoni kkonstatat li numru saħansitra ikbar ta' agglomerazzjonijiet ta' dan l-Istat Membru ma kinex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-direttiva.
- 16 Fit-28 ta' April 2017, il-Kummissjoni bagħtet lir-Renju tal-Isvezja t-tieni ittra ta' intimazzjoni addizzjonali, li permezz tagħha din l-istituzzjoni, minn naħa, ippreċiżat li l-Artikolu 15 tad-Direttiva 91/271 kien jikkostitwixxi bażi legali addizzjonali għan-nuqqas ta' twettiq



tal-obbligi li dan l-Istat Membru għandu taħt din id-direttiva u, min-naħa l-oħra, semma l-agglomerazzjonijiet addizzjonali identifikati bħala mhux konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271 wara r-rapport annwali.

- 17 Ir-Renju tal-Isvezja rrisponda għat-tieni ittra ta' intimazzjoni addizzjonali b'ittri tat-28 ta' Ġunju 2017 u tas-6 ta' Novembru 2018. Barra minn hekk, is-suġġett tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ġie diskuss matul il-laqgħat fl-2017 u fl-2018 bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Svediżi.
- 18 Fit-8 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni bagħtet lir-Renju tal-Isvezja opinjoni motivata li fiha hija imputat lil dan l-Istat Membru l-ksur tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271, moqri flimkien mal-Artikoli 10 u 15 tagħha, fir-rigward ta' 12-il agglomerazzjoni u l-ksur tal-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-Artikoli 10 u 15 tagħha, fir-rigward ta' 9 agglomerazzjonijiet. Peress li waħda minn dawn l-agglomerazzjonijiet għandha nuqqas ta' konformità tal-installazzjonijiet tagħha fir-rigward taż-żewġ artikoli flimkien, in-numru totali tal-agglomerazzjonijiet ikkonċernati kien jammonta għal 20. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonstatat li r-Renju tal-Isvezja kiser ukoll l-Artikolu 4(3) TUE fir-rigward ta' 4 agglomerazzjonijiet li fir-rigward tagħhom dan l-Istat Membru kien invoka l-azzjoni tad-detenzjoni naturali mingħajr madankollu ma kkomunika l-informazzjoni li ssostni l-affermazzjonijiet li jinsabu fit-tweġiba tiegħu għat-tieni ittra ta' intimazzjoni addizzjonali.
- 19 Ir-Renju tal-Isvezja rrisponda għal din l-opinjoni motivata permezz ta' ittri tal-11 u tal-21 ta' Jannar 2019.
- 20 Peress li ma kinitx issodisfatta b'dawn it-tweġibiet, il-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors.

### **Fuq ir-rikors**

- 21 Insostenn tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tqajjem, essenzjalment, tliet ilmenti bbażati, l-ewwel wieħed, fuq il-ksur tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271, moqri flimkien mal-Artikoli 10 u 15 ta' din id-direttiva, it-tieni wieħed, fuq il-ksur tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271, moqri flimkien mal-Artikoli 10 u 15 tal-imsemmija direttiva u, it-tielet wieħed, fuq il-ksur tal-Artikolu 4(3) TUE.

***Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq nuqqas ta' twettiq tal-obbligi tar-Renju tal-Isvezja skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271, moqri flimkien mal-Artikoli 10 u 15 tagħha***

### ***L-argumenti tal-partijiet***

- 22 Il-Kummissjoni, minn naħa, tqis li ksur tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271 iseħħ meta jkun hemm ksur tal-Artikolu 15 ta' din id-direttiva, li jipprevedi n-numru ta' kampjuni li għandhom jittieħdu u l-intervalli tat-teħid tagħhom, sa fejn, fl-assenza tal-osservanza ta' dan l-aħħar artikolu, ma jkunx possibbli li jiġi vverifikat jekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271 jiġux issodisfatti. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tqis li l-osservanza tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271, moqri flimkien mal-Artikolu 15 ta' din id-direttiva, tikkostitwixxi kundizzjoni sabiex ir-rekwiżiti tal-Artikolu 10 tal-imsemmijadirettiva, relatati mal-ippjanar, il-bini, it-tħaddim u ż-żamma tal-impjanti ta' trattament ta' ilma mormi, ikunu jistgħu jiġu ssodisfatti.

- 23 L-ewwel il-Kummissjoni ssostni li d-deroga msemija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 91/271 tapplika biss meta jiġu ssodisfatti erba' kundizzjonijiet kumulattivi, li ma humiex ivverifikati fil-kuntest ta' din il-kawża. Skont din l-istituzzjoni, sabiex agglomerazzjoni tiġi eżentata mit-trattament sekondarju tal-ilma mormi, jeħtieġ, l-ewwel, li dan ikun ilma urban mormi skarikat f'reġjuni ta' muntanji għolja, iddefiniti bħala reġjuni li jinsabu f'altitudni ogħla minn 1 500 metru, it-tieni, li jkun diffiċli li jiġi applikat trattament bioloġiku effettiv, it-tielet, li trattament bijoloġiku effettiv ikun diffiċli li jiġi applikat minħabba tnaqqis fit-temperatura u, ir-raba', li studji fil-fond jindikaw li l-iskariki ma jbidlux l-ambjent b'mod negattiv.
- 24 It-tieni, il-Kummissjoni ssostni li mill-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 91/271 jirriżulta li l-iskariki tal-ilma urban mormi ta' agglomerazzjonijiet li għandhom tagħbija ta' iktar minn 2 000 e.p. għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt B tal-Anness I ta' din id-direttiva. Il-punt B.2 tal-imsemmi anness jagħmel riferiment għar-rekwiżiti tat-Tabella 1 tiegħu, li minnu jirriżulta li l-konċentrazzjoni massima awtorizzata għad-domanda bijokimika għall-ossiġenu (iktar 'il quddiem il-"BOD5") hija ta' 25 mg/l u li l-perċentwali minimu ta' tnaqqis awtorizzat għall-BOD5 huwa ta' 70 % sa 90 %, jew ta' 40 % jekk id-deroga msemija fl-Artikolu 4(2) tal-imsemmija direttiva tkun applikabbli. Din l-istituzzjoni ssostni li l-konċentrazzjoni massima awtorizzata għad-domanda għal ossiġenu kimiku (iktar 'il quddiem id-"DOK") hija ta' 125 mg/l u li l-perċentwali minimu ta' tnaqqis għad-DOK huwa ta' 75 %. Iż-żewġ parametri li jirrigwardaw dawn il-valuri huma alternattivi, b'tali mod li kull rekwiżit jista' jiġi ssodisfatt b'mod konformi mal-valur tal-limitu jew tal-konċentrazzjoni massima, jew tal-perċentwali minimu ta' tnaqqis.
- 25 It-tielet, fir-rigward tar-rekwiżiti dwar is-sorveljanza, li jaqgħu taħt l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 91/271, moqri flimkien mal-punt D tal-Anness I ta' din id-direttiva, il-Kummissjoni ssostni li mit-tieni inċiż tal-punt D.3 tal-Anness I tagħha jirriżulta li mill-inqas 12-il kampjun għandhom jittieħdu f'intervalli regolari matul sena sħiħa għal piż ta' bejn 10 000 u 49 999 e.p., u 24 kampjun għal piż ta' 50 000 e.p. jew iktar. Jekk il-piż ikun bejn 2 000 u 9 999 e.p., għandhom jittieħdu 12-il kampjun matul l-ewwel sena. Għalhekk, meta r-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271 jiġu osservati, it-teħid ta' erba' kampjuni fis-sena huwa sussegwentement suffiċjenti.
- 26 Ir-raba', il-Kummissjoni tfakkar li, skont il-punt D.4 tal-Anness I tad-Direttiva 91/271, l-ilma mormi ttrattat huwa preżunt li josserva r-rekwiżiti fir-rigward tal-parametri li jinsabu fit-Tabella 1 ta' dan l-anness jekk in-numru ta' kampjuni li ma josservawx ir-rekwiżiti jinsab, kif previst fit-tabella 3 tal-imsemmi anness, minn 1 għal 4 għal 7 kampjuni, minn 2 għal 8 kampjuni, minn 3 għal 16-il kampjun, minn 17 għal 28 kampjun, minn 4 għal 29 kampjun, minn 41 għal 40 kampjun u minn 5 għal 53 kampjun. Barra minn hekk, il-kampjuni, f'dak li jirrigwarda l-BOD5 u d-DOK, espressi f'valuri ta' konċentrazzjoni, ma għandhomx jiddevjaw b'iktar minn 100 % tal-valuri limitu.
- 27 Il-Kummissjoni ssostni li, fid-data stabbilita sabiex jikkonforma ruħu mal-opinjoni motivata, jiġifieri d-9 ta' Jannar 2019, ir-Renju tal-Isvezja kiser l-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271, moqri flimkien mal-Artikoli 10 u 15 tagħha, fir-rigward ta' sitt agglomerazzjonijiet, jiġifieri dawk ta' Lycksele, ta' Malå, ta' Mockfjärd, ta' Pajala, ta' Robertsfors u ta' Tännadalen.
- 28 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Lycksele, li l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi tagħha għandu kapacià ta' trattament tal-ilma mormi għal e.p. ta' 14 000, il-Kummissjoni ssostni li r-Renju tal-Isvezja ammetta, fit-tweġiba tiegħu għall-opinjoni motivata, li l-imsemmija agglomerazzjoni ma osservatx ir-rekwiżiti la għall-BOD5 u lanqas għad-DOK, iżda li huwa indika li l-imsemmija rekwiżiti ser jiġu osservati lejn l-aħħar tas-sena 2020. Il-Kummissjoni ssostni li ttieħdu 24 kampjun mill-impjant ta' trattament ta' ilma mormi ta' Lycksele bejn is-

7 ta' Novembru 2017 u s-6 ta' Novembru 2018, li l-konċentrazzjoni ta' BOD5 kienet oġhla mill-valur limitu ta' 25 mg/l fil-kampjuni kollha u li l-konċentrazzjoni ta' DOK kienet oġhla mill-valur limitu ta' 125 mg/l f'10 kampjuni, filwaqt li n-numru massimu ta' kampjuni mhux konformi awtorizzat huwa ta' 4.

- 29 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Malå, li l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi tagħha għandu kapaċità ta' trattament tal-ilma mormi għal e.p. ta' 5 000, il-Kummissjoni ssostni li mir-risposta tar-Renju tal-Isvezja għall-opinjoni motivata jirriżulta li l-imsemmija agglomerazzjoni ma osservatx ir-rekwiżiti ta' valur ta' limitu għal konċentrazzjoni għal dak li jirrigwarda la l-BOD5 u lanqas d-DOK. Il-Kummissjoni ssostni li, minn naħa, ittieħdu 25 kampjun sabiex tiġi vverifikata l-konċentrazzjoni ta' DOK fl-ilma skarikat bejn id-9 ta' Novembru 2017 u s-7 ta' Novembru 2018, u li din kienet oġhla mill-valur limitu ta' 125 mg/l f'4 kampjuni, filwaqt li n-numru massimu ta' kampjuni mhux konformi awtorizzat kien ta' 3. Min-naħa l-oħra, ittieħdu 13-il kampjun sabiex jiġi vverifikat l-perċentwali ta' tnaqqis tad-DOK bejn id-9 ta' Novembru 2017 u s-7 ta' Novembru 2018 u minn dan jirriżulta li dan it-tnaqqis kien inqas mill-perċentwali minimu ta' tnaqqis, jiġifieri 70 %, fi tliet każijiet, filwaqt li n-numru massimu ta' kampjuni mhux konformi awtorizzat kien ta' 2.
- 30 Fir-rigward tal-konċentrazzjoni ta' BOD5, il-Kummissjoni ssostni li din tkejjlet 25 darba u li l-konċentrazzjoni massima ta' 25 mg/l inqabżet f'19-il kampjun, filwaqt li n-numru massimu awtorizzat ta' kampjuni mhux konformi huwa ta' 3. Hija żżid li 7 kampjuni kienu jvarjaw b'iktar minn 100 % tal-valur limitu. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tikkontesta l-argument tar-Renju tal-Isvezja li jgħid li l-imsemmija agglomerazzjoni taqas taħt id-deroga msemmija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 91/271, sa fejn hija ma tinsabx f'altitudni ta' mill-inqas 1 500 metru.
- 31 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Mockfjärd, li l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi tagħha għandu kapaċità ta' trattament tal-ilma mormi għal e.p. ta' 3 000, il-Kummissjoni ssostni li mir-risposta tar-Renju tal-Isvezja għall-opinjoni motivata jirriżulta li ttieħdu 19-il kampjun bil-għan li tiġi vverifikata l-konċentrazzjoni ta' BOD5 fl-ilma skarikat u 17-il kampjun f'dak li jikkonċerna l-konċentrazzjoni ta' DOK bejn il-11 ta' Jannar u s-27 ta' Diċembru 2018. Issa, bejn is-17 ta' Mejju u s-17 ta' Ottubru 2018, ma ttieħed l-ebda kampjun. Minħabba l-fatt li l-punt D.3 tal-Anness I tad-Direttiva 91/271 jeżiġi li l-kampjuni għandhom jittieħdu f'intervalli regolari matul sena sħiħa, il-Kummissjoni tqis li, fl-assenza ta' tali ġbir fuq perijodu ta' ħames xhur, la r-rekwiżiti relatati mal-kontroll u lanqas dawk relatati mal-valuri massimi ta' konċentrazzjoni ta' BOD5 u ta' DOK f'dawn l-iskariki ma ġew issodisfatti.
- 32 Fir-raba' lok, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Pajala, li l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi tagħha għandu kapaċità ta' trattament tal-ilma mormi għal e.p. ta' 2 400, il-Kummissjoni ssostni li mir-risposta tar-Renju tal-Isvezja għall-opinjoni motivata jirriżulta li ttieħdu 29 kampjun bejn is-16 ta' Novembru 2017 u l-1 ta' Novembru 2018. Fir-rigward tal-konċentrazzjoni ta' DOK, din kienet ta' iktar minn 125 mg/l fi 11-il kampjun, filwaqt li n-numru massimu ta' kampjuni mhux konformi awtorizzat huwa ta' 4.
- 33 Fir-rigward tal-konċentrazzjoni ta' BOD5, il-Kummissjoni tosserva, minn naħa, li 20 kampjun kienu jaqbuż l-konċentrazzjoni massima ta' 25 mg/l, filwaqt li n-numru massimu ta' kampjuni mhux konformi awtorizzat huwa ta' 4. Min-naħa l-oħra, 9 kampjuni kienu jvarjaw b'iktar minn 100 % tal-valur limitu. Barra minn hekk, din l-istituzzjoni żżid li t-tnaqqis tal-BOD5 preżenti fl-ilmijiet skarikati tkejjel 25 darba u li 12-il kampjun taw riżultat ta' inqas mill-perċentwali minimu ta' tnaqqis ta' 70 %, filwaqt li n-numru massimu ta' kampjuni mhux konformi awtorizzat

huwa ta' 3. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tikkontesta l-argument tar-Renju tal-Isvezja li jgħid li l-imsemmija agglomerazzjoni taqa' taħt id-deroga msemmija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 91/271, sa fejn hija ma tinsabx f'altitudni ta' mill-inqas 1 500 metru.

- 34 Fil-ħames lok, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Robertsfors, li l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi tagħha għandu kapaċità ta' trattament tal-ilma mormi għal e.p. ta' 2 800, il-Kummissjoni ssostni li mir-risposta tar-Renju tal-Isvezja għall-opinjoni motivata jirriżulta li l-imsemmija agglomerazzjoni kienet iltaqgħet ma' ċerti diffikultajiet, matul is-sena 2018 iżda li hija kienet issodisfat ir-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271 mit-23 ta' Ottubru 2018. Il-Kummissjoni ssostni li mill-imsemmija risposta jirriżulta li ttieħdu 30 kampjun bil-għan li jiġu vverifikati l-parametri relattivi għall-BOD5 bejn l-20 ta' Diċembru 2017 u t-12 ta' Diċembru 2018. Ittieħdu 21 kampjun u, minn naħa, it-tnaqqis tal-BOD5 kien inqas mill-valur limitu ta' 70 % f'7 okkażjonijiet matul is-sena 2018, filwaqt li n-numru massimu ta' kampjuni mhux konformi awtorizzat huwa ta' 3. Min-naħa l-oħra, il-konċentrazzjoni ta' BOD5 qabżet il-valur limitu ta' 25 mg/l għal 20 darba fil-waqt li n-numru massimu ta' kampjuni mhux konformi awtorizzat huwa ta' 4 u, barra minn hekk, l-eċċess kien ta' iktar minn 100 % fi 8 każijiet. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tikkontesta l-argument tar-Renju tal-Isvezja li jgħid li l-imsemmija agglomerazzjoni taqa' taħt id-deroga msemmija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 91/271, sa fejn hija ma tinsabx f'altitudni ta' mill-inqas 1 500 metru.
- 35 Fis-sitt lok, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Tändalen, li l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi tagħha għandu kapaċità ta' trattament tal-ilma mormi għal e.p. ta' 6 000, il-Kummissjoni ssostni li mir-risposta tar-Renju tal-Isvezja għall-opinjoni motivata jirriżulta li 35 kampjun ittieħdu bil-għan li jiġu vverifikati parametri relatati mal-BOD5 bejn it-3 ta' Jannar 2018 u t-12 ta' Diċembru, iżda li, peress li kollha kienu jirrigwardaw il-konċentrazzjoni ta' BOD5 fid-dranaġġ, ebda informazzjoni dwar il-perċentwali ma hija disponibbli. Il-Kummissjoni żżid li l-konċentrazzjoni ta' BOD5 qabżet il-valur limitu ta' 25 mg/l f'6 kampjuni, filwaqt li n-numru massimu ta' kampjuni mhux konformi awtorizzat huwa ta' 4 u li kampjun 1 qabeż il-konċentrazzjoni massima ta' iktar minn 100 %.
- 36 Skont il-Kummissjoni, ittra tal-20 ta' Diċembru 2018 tal-Komun ta' Härjedalen, li minnha tagħmel parti l-agglomerazzjoni ta' Tändalen, tikkontradixxi l-allegazzjonijiet tar-Renju tal-Isvezja, sa fejn minnha jirriżulta li s-sorveljanza għas-sena 2018 turi li r-rekwiżit fil-qasam ta' ċaħda għall-BOD5 ma jistax jiġi ssodisfatt.
- 37 Ir-Renju tal-Isvezja jsostni li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni, li tgħid li jeżisti ksur tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271, peress li hemm ksur tal-Artikolu 15 ta'imsemmija direttiva, ma tistax tiġi aċċettata sa fejn il-punti B u D tal-Anness I din id-Direttiva 91/271 jipprovdu biss indikazzjonijiet qosra dwar il-konstruzzjoni tal-impjanti ta' trattament u t-teħid ta' kampjuni u mhux kriterji speċifiċi.
- 38 Għalhekk, ir-Renju tal-Isvezja jsostni li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li kampjun wieħed biss li jissodisfa r-rekwiżiti previsti fil-punt B tal-Anness I tad-Direttiva 91/271 huwa biżżejjed sabiex jiġi pprovat li l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 4 ta' din tal-aħħar ġew osservati mill-Istat Membru kkonċernat. Ir-Renju tal-Isvezja jqis li l-argument tal-Kummissjoni li Stat Membru għandu jipprova t-teħid ta' kampjuni konformi matul perijodu ta' tnax-il xahar sabiex ir-rekwiżiti fil-qasam ta' skariki tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271, moqri flimkien mal-Artikolu 15 tagħha, ikunu jistgħu jitqiesu li ġew issodisfatti, ma jistax jintlaqa'.

- 39 Ir-Renju tal-Isvezja jsostni li tali interpretazzjoni tipprekludi l-għan tal-proċedura prekontenzjuża sa fejn il-Kummissjoni tagħti b'mod partikolari lill-Istat Membru kkonċernat terminu, normalment ta' xahrejn, sabiex jikkonforma ruħu mal-opinjoni motivata. Issa, jekk ikollu jipprova t-teħid ta' kampjuni konformi matul perijodu ta' tnax-il xahar, ikun impossibbli għalih li jikkonforma ruħu ma' tali talba.
- 40 Ir-Renju tal-Isvezja jqis li l-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 91/271 sa fejn din l-istituzzjoni tqis li l-imsemmija deroga tapplika biss għal reġjuni li jinsabu f'altitudni ta' iktar minn 1 500 metru. Dan l-Istat Membru jqis li l-fattur determinanti li jippermetti l-applikazzjoni tad-deroga msemmija f'din id-dispożizzjoni huwa t-temperaturi baxxi li jirrendu diffiċli l-applikazzjoni ta' trattament effikaċi, kif jirriżulta espressament mill-formulazzjoni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 91/271.
- 41 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Lycksele, għalkemm ir-Renju tal-Isvezja ma jikkontestax li l-valuri ta' konċentrazzjoni tal-BOD5 u tad-DOK ikkonstatati fl-impjant ta' trattament ta' ilma mormi tagħha ma josservawx ir-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271, huwa jippreċiża li qegħdin isiru xogħlijiet sabiex tiġi rrimedjata din is-sitwazzjoni u li huwa previst li r-rekwiżiti ta' din id-direttiva jiġu ssodisfatti sa mhux iktar tard mill-aħħar tas-sena 2020 jew fil-bidu tas-sena 2021.
- 42 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Malå, ir-Renju tal-Isvezja ma jikkontestax li din ma tissodisfax ir-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271 fir-rigward tal-valuri ta' konċentrazzjoni ta' DOK stabbiliti mid-Direttiva 91/271. Min-naħa l-oħra, ir-Renju tal-Isvezja jqis, fir-rigward tal-valuri ta' konċentrazzjoni ta' BOD5, li din l-agglomerazzjoni għandha tibbenefika mid-deroga prevista fl-Artikolu 4(2) ta' din id-direttiva minħabba t-temperaturi fl-imsemmija agglomerazzjoni. Fi kwalunkwe każ, dan l-Istat Membru jsostni li kien previst li l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi ta' Malå kien ser ikun konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271 mhux iktar tard mir-rebbiegħa tal-2021.
- 43 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Mockfjärd, ir-Renju tal-Isvezja jsostni li mir-riżultati relatati mal-kontroll tal-valuri ta' konċentrazzjoni ta' BOD5 mwettqa bejn il-11 ta' Jannar u s-27 ta' Diċembru 2018 kif ukoll dak li jirrigwarda l-valuri ta' konċentrazzjoni ta' DOK bejn id-19 ta' Diċembru 2017 u s-6 ta' Diċembru 2018 jirriżulta li l-imsemmija agglomerazzjoni kienet tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271. Dan l-Istat Membru jsostni li, minn naħa, fir-rigward tal-BOD5, 3 mid-19-il kampjun kellhom konċentrazzjoni ta' iktar minn 25 mg/l O<sub>2</sub>, li tikkorrispondi man-numru ta' kampjuni mhux konformi awtorizzat. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-rekwiżiti fil-qasam tal-konċentrazzjoni ta' DOK, il-kampjuni kollha, bl-eċċezzjoni ta' waħda minnhom, kienu konformi, peress li l-konċentrazzjoni rrilevata kienet inqas minn 125 mg/l O<sub>2</sub>.
- 44 Barra minn hekk, il-kampjuni ma ttiħdux bejn is-17 ta' Mejju u s-17 ta' Ottubru 2018 minħabba xogħlijiet fl-impjant ta' purifikazzjoni. Skont ir-Renju tal-Isvezja, erba' kampjuni biss kellhom jittieħdu f'din l-agglomerazzjoni matul is-sena 2018 sabiex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271, peress li, abbażi tal-kampjuni meħuda matul is-sena 2017, ir-riżultati tas-sorveljanza wrew li l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi kien jissodisfa r-rekwiżiti ta' din id-direttiva, kemm għall-BOD5 kif ukoll għad-DOK.
- 45 Fir-raba' lok, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Pajala, ir-Renju tal-Isvezja ma jikkontestax li l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi tagħha ma josservax ir-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271 dwar il-valuri awtorizzati tad-DOK, iżda jissodisfa dawk relatati mal-BOD5. F'dan ir-rigward, minħabba t-temperaturi baxxi u fid-dawl tal-fatt li d-dokumentazzjoni eżistenti tindika li l-iskariki

tal-impjant ta' trattament ta' ilma mormi ta' Pajala huma relattivament baxxi u ma jbidlux l-ambjent b'mod negattiv, id-deroga msemmija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 91/271 għandha tapplika. Fi kwalunkwe każ, ir-Renju tal-Isvezja jsostni li impjant ta' trattament ta' ilma mormi għdid ser jinbena f'din l-agglomerazzjoni u li huwa previst li jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti tal-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva fil-qasam tal-iskariki matul ir-rebbiegħa jew is-sajf tal-2022.

- 46 Fil-ħames lok, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Robertsfors, ir-Renju tal-Isvezja jqis li din l-agglomerazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271 dwar il-valuri massimi ta' konċentrazzjoni ta' BOD5, sa fejn id-deroga prevista fl-Artikolu 4(2) ta' din id-direttiva hija applikabbli għalih. Barra minn hekk, dan l-Istat Membru jsostni li, matul is-sena 2018, l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi ta' Robertsfors għadda minn diversi inċidenti ta' funzjonament, li ġew irrimedjati. Mir-riżultati miġbura bejn l-20 ta' Diċembru 2017 u t-12 ta' Diċembru 2018 jirriżulta li, mit-23 ta' Ottubru 2018, dan l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271 fir-rigward tal-konċentrazzjoni ta' BOD5, sa fejn it-totalità tas-6 kampjuni meħuda wara din id-data jirreferu għal perċentwali ta' tnaqqis tagħha ta' iktar minn 70.
- 47 Fis-sitt u l-aħħar lok, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Tännälen, ir-Renju tal-Isvezja jsostni li, fir-rigward tal-perijodu ta' bejn it-3 ta' Jannar 2018 u t-12 ta' Diċembru 2018, l-iskariki tal-impjant ta' trattament ta' ilma mormi ta' Tännälen qabżu l-valuri massimi ta' konċentrazzjoni ta' BOD5 sat-18 ta' April 2018. Madankollu, mis-16 ta' Mejju 2018, il-kampjuni kollha meħuda ppermettew li jiġi kkonstatat li l-ilma mormi skarikat kien juri valuri ta' inqas mil-limitu massimu ta' konċentrazzjoni ta' 25 mg/l O<sub>2</sub>. Ir-Renju tal-Isvezja jqis li, sa fejn il-kampjuni kollha meħuda bejn is-16 ta' Mejju 2018 u l-15 ta' Mejju 2019 juru valuri ta' inqas mill-konċentrazzjoni massima awtorizzata ta' 25 mg/l O<sub>2</sub>, l-imsemmija agglomerazzjoni tosserva r-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271.

### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

#### *– Osservazzjonijiet preliminari*

- 48 Fl-ewwel lok, għandu jifhem li, minn naħa, skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ilma urban mormi li jidħol fis-sistemi ta' ġbir ikun, qabel ma jintrema, suġġett għal trattament sekondarju jew trattament ekwivalenti. Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 5(2) u (3) ta' din id-direttiva, huma għandhom jiżguraw li l-ilma urban mormi li jidħol fis-sistemi ta' ġbir ikun suġġett, qabel ma jkun skarikat f'żoni sensittivi, għal trattament iktar strett minn dak deskritt fl-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva. Fiż-żewġ każijiet, l-iskariki għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt B tal-Anness I tal-istess direttiva.
- 49 Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta Stat Membru jkun f'pożizzjoni li jippreżenta kampjun li jissodisfa r-rekwiżiti tal-punt B tal-Anness I tad-Direttiva 91/271, l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 4 ta' din tal-aħħar għandhom jitqiesu li jkunu ġew osservati, peress li dan l-artikolu ma jimponi li jittieħdu kampjuni, kif previst fil-punt D tal-Anness I ta' din id-direttiva, matul sena sħiħa. Xejn ma jippermetti li jitqies li s-sitwazzjoni tkun differenti fir-rigward tal-osservanza tal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271, li lanqas ma jirreferi għad-dispożizzjonijiet tal-punt D tal-Anness I tad-Direttiva 91/271 (sentenza tal-10 ta' Marzu 2016, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-38/15, mhux ippubblikata, EU:C:2016:156, punt 24).

- 50 Fit-tielet lok, għandha ssir distinzjoni bejn l-obbligi ta' riżultat li għandhom l-Istati Membri skont l-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 91/271, sabiex tiġi vverifikata l-konformità tal-iskariki tal-impjanti ta' trattament tal-ilma urban mormi mar-rekwiżiti tal-punt B tal-Anness I ta' din id-direttiva, u l-obbligu kontinwu li huma marbuta bih skont l-Artikolu 15 tal-imsemmija direttiva, sabiex jiġi ggarantit li dawn l-iskariki jissodisfaw matul iż-żmien il-kundizzjonijiet ta' kwalità meħtieġa sa mill-funzjonament tal-impjant ta' trattament ta' ilma mormi (sentenza tal-10 ta' Marzu 2016, *Il-Kummissjoni vs Spanja*, C-38/15, mhux ippubblikata, EU:C:2016:156, punt 25).
- 51 Minn dan isegwi li l-Artikolu 15 tad-Direttiva 91/271 għandu portata awtonoma u għan differenti meta mqabbel mal-Artikoli 4 u 5 tagħha. Għaldaqstant, il-ksur eventwali tal-obbligi ta' kontroll li jirriżultaw mill-Artikolu 15 ma jimplikax awtomatikament il-ksur tar-rekwiżiti previsti fl-imsemmija Artikoli 4 u 5.
- 52 Għaldaqstant, l-argument tal-Kummissjoni li jseħħ ksur tal-Artikoli 4 jew 5 tad-Direttiva 91/271 meta jkun hemm ksur tal-Artikolu 15 ta' din id-direttiva ma jistax jintlaqa'.
- 53 Barra minn hekk, fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 91/271, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 32 tal-konklużjonijiet tagħha, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni huwa limitat mingħajr ambigwiżità għal reġjuni ta' muntanji għolja ddefiniti b'mod ċar, li jinsabu f'altitudni ta' iktar minn 1 500 metru. Għaldaqstant, l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni sostnuta mir-Renju tal-Isvezja, kif imfakkra fil-punt 40 ta' din is-sentenza, twassal għal interpretazzjoni *contra legem* ta' din id-dispożizzjoni, b'tali mod li ma tistax tintlaqa' (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2020, *Entoma*, C-526/19, EU:C:2020:769, punt 43).
- 54 Għaldaqstant, l-argument tar-Renju tal-Isvezja bbażat fuq l-applikazzjoni tad-deroga prevista fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 91/271 għandu jiġi miċħud.
- 55 Huwa fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet li għandha tiġi evalwata l-eżistenza tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għall-agglomerazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dan ir-rikors.

– *Fuq l-agglomerazzjonijiet ta' Malå, Pajala u Lycksele*

- 56 Fir-rigward tal-agglomerazzjonijiet ta' Malå, ta' Pajala u ta' Lycksele, għandu jiġi rrilevat li l-partijiet jaqblu fuq il-fatt li l-valuri ta' konċentrazzjoni ta' DOK huma ogħla minn dawk awtorizzati mill-Artikolu 4(3) u mill-punt B tal-Anness I tad-Direttiva 91/271. Fir-rigward tal-aħħar agglomerazzjoni, il-partijiet jaqblu wkoll fuq il-fatt li l-konċentrazzjoni ta' BOD5 hija ikbar minn dik awtorizzata minn dawn id-dispożizzjonijiet.
- 57 Sabiex jiġġustifika n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu allegat, ir-Renju tal-Isvezja allega, minn naħa, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Lycksele, li r-rekwiżiti dwar il-konċentrazzjonijiet ta' DOK u ta' BOD5 kienu ser jiġu ssodisfatti lejn l-aħħar tas-sena 2020. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-konċentrazzjoni ta' BOD5 fl-agglomerazzjonijiet ta' Malå u Pajala, mingħajr ma kkontesta l-fatt li l-konċentrazzjonijiet ta' BOD5 jaqbzū dawk awtorizzati mill-Artikolu 4(3) u mill-punt B tal-Anness I tad-Direttiva 91/271, ir-Renju tal-Isvezja, madankollu, invoka d-deroga prevista fl-Artikolu 4(2) ta' din id-direttiva.
- 58 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar, hekk kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, li l-eżistenza ta' nuqqas għandu jiġi evalwat fid-dawl ta' kif kienet is-sitwazzjoni tal-Istat Membru inkwistjoni fi tmiem it-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata u li l-bidliet li jkun seħħew sussegwentement

ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tal-5 ta' Marzu 2020, Il-Kummissjoni vs Ċipru (Ġbir u trattament tal-ilma urban mormi), C-248/19, mhux ippubblikata, EU:C:2020:171, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 59 F'dan il-każ, peress li t-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata kien it-8 ta' Jannar 2019, l-osservanza eventwali tar-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271 li seħħet wara din id-data ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni.
- 60 Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punti 53 u 54 ta' din is-sentenza, id-deroga prevista fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 91/271 ma tistax tiġi invokata b'mod utli minn dan l-Istat Membru, b'tali mod li għandu jiġi kkonstatat li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi msemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271 huwa fondat.
- 61 Barra minn hekk, fir-rigward tal-obbligu previst fl-Artikolu 10 ta' din id-direttiva, li jgħid li l-impjanti ta' trattament għandhom jiġu ppjanati, mibnija, imħaddma u miżmuma b'mod li jkollhom produzzjoni suffiċjenti fil-kundizzjonijiet klimatiċi normali kollha tal-post fejn jinsabu, l-osservanza tiegħu tippreżupponi b'mod partikolari li r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 4 ta' din id-direttiva jiġu ssodisfatti (sentenza tal-5 ta' Marzu 2020, Il-Kummissjoni vs Ċipru (Ġbir u purifikazzjoni tal-ilma urban mormi), C-248/19, mhux ippubblikata, EU:C:2020:171, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 62 Konsegwentement, l-imsemmi obbligu ma jistax jitqies li jkun ġie osservat fl-agglomerazzjonijiet fejn l-obbligu li l-ilma urban mormi kollu jiġi suġġett għal trattament sekondarju jew ekwivalenti, kif previst fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271, ma jiġix osservat (sentenza tal-5 ta' Marzu 2020, Il-Kummissjoni vs Ċipru (Ġbir u purifikazzjoni tal-ilma urban mormi), C-248/19, mhux ippubblikata, EU:C:2020:171, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 63 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li r-Renju tal-Isvezja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 4 moqri flimkien mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 91/271, billi ma żgurax li, qabel ma ġie skarikat, l-ilma mormi provenjenti mill-agglomerazzjonijiet ta' Lycksele, ta' Malå u ta' Pajala jiġi suġġett għal trattament sekondarju jew għal trattament ekwivalenti.

– *Fuq l-agglomerazzjoni ta' Mockfjärd*

- 64 Fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Mockfjärd, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni tqis li, minħabba l-fatt li ebda kampjun ma ttieħed bejn is-16 ta' Mejju u t-18 ta' Ottubru 2018, skont il-punt D.3 tal-Anness I tad-Direttiva 91/271, ir-Renju tal-Isvezja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271, moqri flimkien mal-Artikoli 10 u 15 tagħha.
- 65 Il-Kummissjoni ma tikkontestax, minn naħa, fir-rigward tal-konċentrazzjoni ta' BOD5, li, bejn il-11 ta' Jannar u s-27 ta' Diċembru 2018, 3 biss mid-19-il kampjun meħuda kellhom konċentrazzjoni oġġla għal dik awtorizzata mid-Direttiva 91/271. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni lanqas ma tikkontesta, fir-rigward tal-konċentrazzjoni ta' DOK, li, bejn id-19 ta' Diċembru 2017 u s-6 ta' Diċembru 2018, il-kampjuni kollha, bl-eċċezzjoni ta' wieħed biss, kienu konformi mar-rekwiżiti tat-tabella 3 tal-Anness I tad-Direttiva 91/271, li tgħid li n-nuqqas ta' konformità ta' massimu ta' 3 kampjuni huwa permess minn 17 sa 28 kampjun meħuda fis-sena.



- 66 Għaldaqstant, hemm lok li jitqies li l-Kummissjoni qiegħda tfittex li tistabbilixxi n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tal-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva għas-sempliċi raġuni bbażata fuq l-assenza ta' teħid ta' kampjuni f'intervalli regolari, konformement mal-Artikolu 15 ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-punt D.3 tal-Anness I tagħha.
- 67 Issa, minn naħa, l-argument tal-Kummissjoni li l-ksur tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 91/271 jimplika awtomatikament ksur tal-Artikolu 4 tagħha ġie miċħud fil-punt 51 ta' din is-sentenza.
- 68 Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punt 49 ta' din is-sentenza, peress li Stat Membru huwa f'pożizzjoni li jippreżenta kampjun li jissodisfa r-rekwiżiti tal-punt B tal-Anness I tad-Direttiva 91/271, l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 4 ta' din tal-aħħar għandhom jitqiesu li jkunu ġew osservati, peress li dan l-artikolu ma jimponix li jittieħdu kampjuni, kif previst fil-punt D tal-Anness I ta' din id-direttiva, matul sena sħiħa.
- 69 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi miċħud ir-rikors tal-Kummissjoni f'dak li jikkonċerna l-agglomerazzjoni ta' Mockfjärd.

– *Fuq l-agglomerazzjoni ta' Robertsfors*

- 70 Fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Robertsfors, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li r-Renju tal-Isvezja ma jikkontestax li, matul is-sena 2018, l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi tal-imsemmija agglomerazzjoni għadda minn diversi inċidenti ta' funzjonament, li ġew irrimedjati. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ma tikkontestax li, mit-23 ta' Ottubru 2018, is-sitt kampjuni meħuda sabiex tiġi kkontrollata l-konċentrazzjoni ta' BOD5 kollha ppreżentaw tnaqqis ta' mill-inqas 70 %, li kien konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271.
- 71 Preliminarjament, kif jirriżulta mill-punti 53 u 54 ta' din is-sentenza, hemm lok li jiġi miċħud l-argument tar-Renju tal-Isvezja bbażat fuq l-applikazzjoni tad-deroga prevista fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 91/271.
- 72 Barra minn hekk, minn naħa, it-teżi tal-Kummissjoni li ksur tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 91/271 jimplika awtomatikament ksur tal-Artikolu 4 ta' din id-direttiva ġie miċħud fil-punt 51 ta' din is-sentenza.
- 73 Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punti 48 sa 52 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271 ma jirreferix għall-punt D tal-Anness I tagħha, b'tali mod li, peress li r-Renju tal-Isvezja huwa f'pożizzjoni li jippreżenta kampjun li jissodisfa r-rekwiżiti tal-punt B tal-Anness I ta' din id-direttiva għall-perijodu kopert minn dan ir-rikors, l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 4 ta' din tal-aħħar għandhom jitqiesu li ġew osservati.
- 74 F'dan il-każ, il-partijiet ma jikkontestawx li, mit-23 ta' Ottubru 2018, is-sitt kampjuni meħuda sabiex tiġi kkontrollata l-konċentrazzjoni ta' BOD5 kienu kollha konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271.
- 75 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi miċħud ir-rikors tal-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda l-agglomerazzjoni ta' Robertsfors.

– *Fuq l-agglomerazzjoni ta' Tännadalen*

- 76 Fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Tännadalen, il-partijiet ma jikkontestawx li ttieħdu 35 kampjun sabiex jikkontrollaw il-konċentrazzjoni ta' BOD5 bejn it-3 ta' Jannar u t-12 ta' Diċembru 2018 u li 6 minn dawn il-kampjuni kienu jaqbżu l-konċentrazzjoni awtorizzata mid-Direttiva 91/271, b'tali mod li, sat-18 ta' April 2018, l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi ta' din l-agglomerazzjoni ma kienx josserva r-rekwiżiti tagħha.
- 77 Ir-Renju tal-Isvezja jsostni li l-kampjuni kollha meħuda bejn is-16 ta' Mejju 2018 u l-15 ta' Mejju 2019 ippermettew li jiġi kkonstatat li l-ilma mormi skarikat kellu valuri ta' inqas mil-limitu massimu ta' konċentrazzjoni.
- 78 F'dan ir-rigward, kif tfakkar fil-punti 58 u 59 ta' din is-sentenza, peress li t-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata kien it-8 ta' Jannar 2019, l-osservanza eventwali tar-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271 li seħħet wara din id-data ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni.
- 79 Madankollu, minn naħa, it-teżi tal-Kummissjoni li ksur tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 91/271 jimplika awtomatikament ksur tal-Artikolu 4 tagħha ġie miċħud fil-punt 51 ta' din is-sentenza.
- 80 Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta wkoll mill-punti 48 sa 52 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271 ma jirreferix għall-punt D tal-Anness I tagħha, b'tali mod li, peress li r-Renju tal-Isvezja huwa f'pożizzjoni li jippreżenta kampjun li jissodisfa r-rekwiżiti tal-punt B tal-Anness I ta' din id-direttiva għall-perijodu kopert minn dan ir-rikors, l-obbligi ta' dan l-Istat Membru taħt l-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva għandhom jitqiesu li ġew osservati.
- 81 F'dan il-każ, il-kampjuni kollha miġbura bejn is-16 ta' Mejju 2018 u t-8 ta' Jannar 2019 kienu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti mid-Direttiva 91/271.
- 82 Minn dan isegwi li r-rikors tal-Kummissjoni għandu jiġi miċħud fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Tännadalen.

***Fuq it-tieni lment, ibbażat fuq nuqqas ta' twettiq tal-obbligi tar-Renju tal-Isvezja taħt l-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271, moqri flimkien mal-Artikoli 10 u 15 tagħha***

*L-argumenti tal-partijiet*

- 83 Il-Kummissjoni tqis, minn naħa, li jseħħ ksur tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271 meta jkun hemm ksur tal-Artikolu 15 ta' din id-direttiva, li jipprevedi n-numru ta' kampjuni li għandhom jittieħdu u l-intervalli tat-teħid tagħhom, sa fejn, fl-assenza tal-osservanza ta' dan l-aħħar artikolu, ma jkunx possibbli li jiġi vverifikat jekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271 ikunux ġew issodisfatti. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tqis li l-osservanza ta' din l-aħħar dispożizzjoni, moqrija flimkien mal-Artikolu 15 ta' din id-direttiva, tikkostitwixxi kundizzjoni sabiex ir-rekwiżiti tal-Artikolu 10 tal-imsemmija direttiva, relatati mal-ippjanar, il-bini, it-tħaddim u ż-żamma tal-impjanti ta' trattament ta' ilma mormi, ikunu jistgħu jitqiesu li ġew issodisfatti.

- 84 Mill-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 91/271 jirriżulta li l-ilma urban mormi kollu li joriġina minn agglomerazzjonijiet li għandhom e.p. ta' iktar minn 10 000 u li jiżbokka f'żona sensittiva għandu jkun suġġett għal trattament iktar rigoruż minn dak imsemmi fl-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva. Mill-Artikolu 5(3) tal-imsemmija direttiva jirriżulta li tali skariki għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti tal-punt B tal-Anness I tagħha li jirreferi għat-tabelli 1 u 2 ta' dan l-anness.
- 85 Il-Kummissjoni tfakkar li ż-żewġ kriterji, applikati alternattivament, jirrigwardaw in-nitroġenu fl-ilma mormi, jiġifieri l-konċentrazzjoni massima awtorizzata għan-nitroġenu li hija ta' 15 mg/l għall-agglomerazzjonijiet li juru e.p. ta' bejn 10 000 u 100 000 u ta' 10 mg/l għall-agglomerazzjonijiet li għandhom e.p. ta' iktar minn 100 000 e.p., u l-perċentwali minimu ta' tnaqqis għan-nitroġenu li għandu jkun minn 70 % sa 80 %. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssostni li l-punt D.4.a tal-Anness I tad-Direttiva 91/271 jipprevedi li l-ilma mormi ttrattat huwa preżunt li jissodisfa r-rekwiżiti tat-Tabella 2 ta' dan l-anness fir-rigward tan-nitroġenu, jekk il-valur annwali medju tal-kampjuni ma jaqbiżx il-valur limitu applikabbli.
- 86 Il-Kummissjoni ssostni li, fir-rigward tal-agglomerazzjonijiet ta' Borås, ta' Skoghall, ta' Habo u ta' Töreboda, ir-Renju tal-Isvezja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271, moqri flimkien mal-Artikoli 10 u 15 tagħha.
- 87 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Borås, li l-impjanti ta' trattament tagħha kienu jipproċessaw jew jittrattaw ilma mormi għall-e.p. ta' 110 000 u ta' 150 000 rispettivament, il-Kummissjoni ssostni li mit-tweġiba tar-Renju tal-Isvezja għall-opinjoni motivata jirriżulta li l-impjant qadim ta' trattament ta' ilma mormi, imsemmi fis-sentenza tat-28 ta' Mejju 2018, ma osservax ir-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271, iżda li l-impjant il-ġdid josserva dawn ir-rekwiżiti sa mis-17 ta' Settembru 2018.
- 88 Il-Kummissjoni ssostni li t-tabella tar-riżultati relatati mal-konċentrazzjonijiet ta' nitroġenu, ippreżentata mir-Renju tal-Isvezja, ma tippermettix li jiġi ddeterminat liema riżultati joriġinaw minn liema impjant ta' trattament ta' ilma mormi u li, fi kwalunkwe każ, l-imsemmija tabella turi li r-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271 dwar il-valuri massimi ta' konċentrazzjoni ta' nitroġenu ma ġewx osservati matul il-perijodu bejn l-1 ta' Novembru 2017 u l-31 ta' Ottubru 2018. Fil-fatt, matul dan il-perijodu ta' sena, il-valur annwali medju tal-kampjuni kien ta' 18 mg/l, filwaqt li l-valur limitu huwa ta' 10 mg/l.
- 89 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Skoghall, li l-impjanti ta' trattament tagħha għandhom kapaċità ta' trattament tal-ilma mormi għall-e.p. ta' 5 457 u ta' 15 000 rispettivament, il-Kummissjoni ssostni li mit-tweġiba għall-opinjoni motivata jirriżulta li f'wieħed miż-żewġ impjanti ta' trattament ta' ilma mormi, il-valur limitu ta' konċentrazzjoni ta' nitroġenu nqabeż matul il-perijodu ta' tnaqqis il-xahar bejn id-9 ta' Novembru 2017 u s-6 ta' Novembru 2018, li ma ġiex ikkontestat mir-Renju tal-Isvezja. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni li l-valur annwali medju tal-kampjuni tela' għal 17 mg/l, filwaqt li l-valur limitu huwa ta' 15 mg/l.
- 90 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Habo, li l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi tagħha għandu kapaċità ta' trattament tal-ilma mormi għal e.p. ta' 17 000, il-Kummissjoni tqis li 33 % tan-nitroġenu biss kien ġie eliminat fl-imsemmi impjant u li r-Renju tal-Isvezja bl-ebda mod ma sostna l-allegazzjonijiet tiegħu li t-tnaqqis tan-nitroġenu bejn Habo u l-Baħar Baltiku kien jammonta għal 78 sa 87 %. Skont il-Kummissjoni, il-mudell Hydrological Predictions for the Environment (Previżjonijiet Idroloġiċi għall-Ambjent, iktar 'il quddiem il-“mudell HYPE”) ma jippermettix li jiġi ddeterminat jekk l-agglomerazzjoni ta' Habo tosservax jew le r-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271. Mill-mudell HYPE jirriżulta li t-tnaqqis tan-nitroġenu fil-lagi u fiż-żoni ta'

ilma kollha bejn Habo u l-Baħar Baltiku jammonta għal 87 %, qabel ma l-ilma mormi jilħaq iż-żona kostali sensittiva. Barra minn hekk, dikjarazzjoni uffiċjali tal-Istitut Meteoroloġiku u Idroloġiku tal-Isvezja (iktar 'il quddiem l-“IMHS”) tindika li t-tnaqqis totali tan-nitroġenu, li jieħu inkunsiderazzjoni wkoll l-assorbiment naturali, jammonta għal 91 %.

- 91 Issa, il-Kummissjoni ssostni li mir-risposta tar-Renju tal-Isvezja għall-opinjoni motivata jirriżulta, minn naħa, li l-valur annwali medju tat-tnaqqis tal-konċentrazzjoni f'nitroġenu kkonstatat fl-impjant ta' trattament ta' ilma mormi ta' Habo huwa biss ta' 32 % u, min-naħa l-oħra, li l-imsemmi impjant ta' trattament ta' ilma mormi lanqas ma huwa mgħammar sabiex jittratta n-nitroġenu. Il-Kummissjoni tqis li, jekk ir-Renju tal-Isvezja jibbaża ruħu fuq il-mudell HYPE, hija ma kkomunikatx l-informazzjoni rilevanti sabiex tivverifika d-data allegata, b'tali mod li din l-istituzzjoni tqis li t-tnaqqis tan-nitroġenu għal Habo huwa ta' 32 %, filwaqt li l-perċentwali minimu ta' tnaqqis għandu jkun bejn 70 % u 80 %.
- 92 Fir-raba' lok, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Töreboda, li l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi tagħha għandu kapacià ta' trattament tal-ilma mormi għal e.p. ta' 35 500, il-Kummissjoni ssostni li mir-risposta tar-Renju tal-Isvezja għall-opinjoni motivata jirriżulta li dan l-Istat Membru sostna minn naħa, li r-rekwiżiti relatati mal-konċentrazzjoni ta' BOD5 kienu ssodisfatti. Min-naħa l-oħra, essenzjalment, għall-istess raġunijiet bħal daww mogħtija għall-agglomerazzjoni ta' Habo, huwa sostna li t-tnaqqis tal-konċentrazzjoni ta' nitroġenu żgurat mill-impjant ta' trattament ta' ilma mormi ta' Töreboda kien ta' 43 %, peress li dan il-perċentwali jilħaq 71 % bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-assorbiment naturali qabel mal-ilma mormi jilħaq iż-żoni kostali sensittivi.
- 93 Il-Kummissjoni ssostni li mill-imsemmija risposta jirriżulta li ttieħdu 50 kampjun bil-għan li tiġi vverifikata l-konċentrazzjoni ta' BOD5 fl-impjant ta' trattament ta' ilma mormi ta' Töreboda bejn it-8 ta' Novembru 2017 u s-6 ta' Novembru 2018. Issa, skont din l-istituzzjoni, ma ttiħdux kampjuni fl-ilmijiet deħlin u heġin bejn it-8 ta' Novembru 2017 u t-3 ta' Jannar 2018, b'tali mod li t-tnaqqis, ma ġiex iddikjarat għal dan il-perijodu, u li r-rekwiżiti fil-qasam tal-kontroll tal-punt D.3 tal-Anness I tad-Direttiva 91/271 ma kinux ġew issodisfatti.
- 94 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssostni li l-konċentrazzjoni massima ta' 25 mg/l inqabżet fi 18-il kampjun, filwaqt li n-numru massimu ta' kampjuni mhux konformi awtorizzati kien ta' 5 u li 3 kampjuni kienu jaqbu b'iktar minn 100 % dan il-valur limitu. Peress li din l-agglomerazzjoni ma tosservax ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271, hija lanqas ma tosserva daww li jaqgħu taħt l-Artikolu 5 ta' din id-direttiva li jipprevedi l-obbligu ta' trattament iktar strett għall-impjanti ta' trattament li għandhom e.p. ta' iktar minn 10 000.
- 95 Fir-rigward tat-tnaqqis tal-konċentrazzjoni tan-nitroġenu, il-Kummissjoni ssostni li mir-risposta tar-Renju tal-Isvezja għall-opinjoni motivata jirriżulta li, minn naħa, il-valur annwali medju tat-tnaqqis tan-nitroġenu lill-impjant ta' trattament ta' ilma mormi huwa ta' 43 %, filwaqt li l-perċentwali minimu ta' tnaqqis għandu jkun ta' bejn 70 % u 80 % u, min-naħa l-oħra, l-imsemmi impjant ta' trattament ta' ilma mormi ma huwiex mgħammar għat-trattament tan-nitroġenu. Il-Kummissjoni ssostni li ebda informazzjoni li tippermetti li tiġi vverifikata l-informazzjoni kkomunikata mir-Renju tal-Isvezja jew l-informazzjoni mogħtija sussegwentement għas-sena 2013 ma ġiet trażmessa lilha.
- 96 Preliminarjament, ir-Renju tal-Isvezja jikkontesta, għall-istess raġunijiet imressqa fil-kuntest tal-ilment ibbażat fuq nuqqas ta' twettiq tal-obbligi taħt l-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271, moqri flimkien mal-Artikoli 10 u 15 tagħha, it-teżi tal-Kummissjoni li ksur tal-Artikolu 15 jinvolvi l-ksur tal-Artikoli 5 u 10 ta' din id-direttiva.

- 97 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Borås, ir-Renju tal-Isvezja jqis li l-argument tal-Kummissjoni li ma huwiex possibbli li jiġi identifikat l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi li fuqu jirreferu r-riżultati li jsemmi ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, mir-risposta tagħha għall-opinjoni motivata jirriżulta li l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi ta' Gässlösa kien fis-servizz sat-28 ta' Mejju 2018 u li, minn din id-data, l-impjant ta' Sobacken kien beda jopera. F'dan ir-rigward, ir-Renju tal-Isvezja jsostni li, għall-perijodu bejn it-28 ta' Mejju 2018 u d-9 ta' Mejju 2019, il-konċentrazzjoni ta' nitroġenu tal-ilma mormi skarikat minn dan l-impjant kienet inqas mill-valur limitu annwali medju ta' 10 mg/l, b'tali mod li l-imsemmi stazzjon jissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271.
- 98 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Skoghall, li rrikorriet għal żewġ impjanti ta' trattament ta' ilma mormi, ir-Renju tal-Isvezja jsostni li l-kampjuni meħuda mill-impjant ta' Sättersviken urew konċentrazzjoni ta' nitroġenu ta' 17 mg/l minħabba diffikultajiet ikkawżati mit-tidwib tas-silġ, flimkien ma' perijodu twil ta' temperaturi baxxi. Issa, ittieħdu miżuri sabiex tiġi rrimedjata din il-problema, b'tali mod li, bejn l-4 ta' Ġunju 2018 u l-15 ta' Mejju 2019, il-konċentrazzjonijiet tan-nitroġenu fl-ilmijiet skarikati mill-impjant ta' trattament ta' ilma mormi ta' Sättersviken kienu inqas mill-valur limitu annwali medju ta' 15 mg/l.
- 99 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Habo, ir-Renju tal-Isvezja jsostni li l-analiżi ta' 26 kampjun, meħuda bejn l-14 ta' Novembru 2017 u t-13 ta' Novembru 2018, turi li l-perċentwali ta' tnaqqis tal-ammont ta' nitroġenu lill-impjant ta' trattament ta' ilma mormi ta' Habo kien ta' 32 %. Madankollu, ir-Renju tal-Isvezja jsostni li l-konċentrazzjoni tan-nitroġenu fl-ilmijiet skarikati minn dan l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi hija mnaqqsa b'87 % minħabba l-assorbiment naturali li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jista' jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tat-tnaqqis l-ammont ta' nitroġenu.
- 100 Fil-fatt, mid-dikjarazzjoni tal-IMHS, li hija stess hija bbażata fuq id-data disponibbli fuq is-sit internet tal-iSveriges lantbruksuniversitet (l-Università Svediża tax-Xjenzi tal-Agrikoltura, iktar 'il quddiem is-"SLU"), jirriżulta li l-mudell HYPE juri l-perċentwali ta' tnaqqis naturali tal-ammont ta' nitroġenu bejn l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi u l-baħar taħt is-87 %. Sa fejn l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi ta' Habo jwettaq l-assorbiment tan-nitroġenu ta' 32 % u l-assorbiment naturali jwassal għal 87 %, li l-assorbiment totali jammonta għal 91 % tat-total, ir-Renju tal-Isvezja iqis li huwa osserva r-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271 f'dan ir-rigward.
- 101 Fir-raba' lok, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Töreboda, ir-Renju tal-Isvezja jsostni, fir-rigward tal-konċentrazzjoni ta' BOD5, li, minn naħa, mit-Tabella 2 tal-Anness I tad-Direttiva 91/271 jirriżulta li l-valuri ta' konċentrazzjoni u l-perċentwali ta' tnaqqis huma applikati b'mod alternattiv. Min-naħa l-oħra, mit-Tabella 3 ta' dan l-anness jirriżulta li, jekk in-numru ta' kampjuni meħuda matul sena partikolari għandu jkun bejn 17 u 28, li massimu ta' 3 minnhom jistgħu ma jkunx konformi. Issa, bejn l-4 ta' Jannar u l-11 ta' Ottubru 2018, 22 mit-23 kampjuni meħuda f'intervalli regolari kienu jkunu konformi mar-rekwiżiti ta' perċentwali minimu ta' tnaqqis, filwaqt li l-imsemmi stazzjon kellu jieħu biss 12-il kampjun matul dik is-sena.
- 102 Fir-rigward tal-assorbiment tan-nitroġenu, ir-Renju tal-Isvezja jsostni li, bejn l-10 ta' Novembru 2017 u s-6 ta' Novembru 2018, il-perċentwali ta' tnaqqis tal-ammont ta' nitroġenu tal-impjant ta' trattament ta' ilma mormi ta' Töreboda, iddeterminat abbażi ta' 54 kampjun, kien ta' 32 %, filwaqt li t-tnaqqis dovut għall-assorbiment naturali wassal għal tnaqqis ta' 50 % ta' dan il-piż.

- 103 Mid-dikjarazzjoni tal-IMHS, li hija stess hija bbażata fuq id-data disponibbli fis-sit internet tas-SLU, jirriżulta li l-mudell HYPE juri l-perċentwali ta' tnaqqis naturali tal-ammont ta' nitroġenu bejn l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi u l-baħar taħt il-50 %. Fid-dawl tal-fatt li t-tnaqqis fl-impjant ta' trattament ta' ilma mormi jammonta għal 43 %, l-assorbiment totali tan-nitroġenu jwassal għal 71 % tat-total.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

- 104 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li hemm lok li jiġi eżaminat in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligu li jirriżulta mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271, moqri flimkien mal-Artikoli 10 u 15 tagħha, fid-dawl tal-punti 48 sa 52 ta' din is-sentenza.

*– L-agglomerazzjoni ta' Töreboda*

- 105 Il-Kummissjoni tikkritika lir-Renju tal-Isvezja, essenzjalment, li kiser l-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271, moqri flimkien mal-Artikoli 10 u 15 tagħha, minħabba l-fatt li, minn naħa, l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi tal-imsemmija agglomerazzjoni ma josservax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva, dwar il-konċentrazzjoni ta' BOD5, b'tali mod li ma jistax, *a fortiori*, josserva r-rekwiżiti iktar stretti tal-Artikolu 5 tagħha. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tqis li r-rekwiżiti f'dak li jikkonċerna l-kontenut ta' nitroġenu tal-ilmijiet ittrattati lanqas ma huma ssodisfatti.
- 106 F'dan ir-rigward, minn naħa, it-teżi tal-Kummissjoni li ksur tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 91/271 jimplika awtomatikament ksur tal-Artikolu 5 ta' din id-direttiva ġiet miċħuda fil-punt 51 ta' din is-sentenza.
- 107 Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punti 48 sa 52 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271 ma jirreferix għall-punt D tal-Anness I tagħha, b'tali mod li, peress li r-Renju tal-Isvezja huwa f'pożizzjoni li jippreżenta kampjun li jissodisfa r-rekwiżiti tal-punt B tal-Anness I ta' din id-direttiva għall-perijodu kopert minn dan ir-rikors, l-obbligi taħt l-Artikolu 5 ta' din tal-aħħar għandhom jitqiesu li ġew osservati.
- 108 F'dan ir-rigward, minkejja li huwa paċifiku bejn il-partijiet li r-Renju tal-Isvezja kkomunika 50 kampjun għall-perijodu bejn it-8 ta' Novembru 2017 u s-6 ta' Novembru 2018, dan l-Istat Membru jikkontesta l-fatt li 9 kampjuni mhux konformi matul l-ewwel semestru tas-sena 2018 juru li l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi ta' din l-agglomerazzjoni jnaqqas insuffiċjentement il-konċentrazzjoni ta' BOD5.
- 109 Madankollu, fid-dawl tal-fatt li, sabiex jissodisfa l-obbligi tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271, l-imsemmi Stat Membru jista' sempliċement jipproduċi kampjun wieħed biss li jissodisfa r-rekwiżiti tal-punt B tal-Anness I tad-Direttiva 91/271, in-numru eżatt tal-kampjuni mhux konformi huwa irrilevanti għall-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq tal-obbligi li jirriżulta mill-imsemmi artikolu.
- 110 Peress li l-Kummissjoni ma tikkontestax li r-Renju tal-Isvezja ppreżenta tal-inqas kampjun konformi mar-rekwiżiti tal-punt B tal-Anness I tad-Direttiva 91/271, ir-rikors għandu jiġi miċħud sa fejn jirrigwarda l-konċentrazzjoni ta' BOD5 fl-agglomerazzjoni ta' Töreboda.

- 111 Fir-rigward tal-perċentwali ta' tnaqqis tal-konċentrazzjoni tan-nitroġenu preżenti f'dan l-ilma, għandu jittfakkar, minn naħa, li, skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 91/271, l-awtoritajiet kompetenti huma obbligati jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex, għall-iskariki kollha minn agglomerazzjonijiet li għandhom e.p. ta' iktar minn 10 000, l-ilma urban mormi li jidħol fis-sistemi ta' ġbir ikun suġġett, qabel ma jiġi skarikat f'żoni sensittivi, għal trattament iktar strett minn dak deskritt fl-Artikolu 4 ta' din id-direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1998.
- 112 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 91/271 jirreferi għall-punt B tal-Anness I, tagħha li, min-naħa tiegħu, jirreferi għar-rekwiżiti li jinsabu fit-Tabella 2 ta' dan l-anness. L-imsemmija tabella teżiġi, fir-rigward tan-nitroġenu, jew tnaqqis li jippermetti li jintlaħaq standard ta' 15 mg/l għall-agglomerazzjonijiet li għandhom e.p. ta' bejn 10 000 u 100 000, jew perċentwali minimu ta' tnaqqis ta' bejn 70 u 80 %.
- 113 Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat li ebda dispożizzjoni tad-Direttiva 91/271 ma tipprekludi li l-assorbiment naturali tan-nitroġenu jista' jitqies li huwa metodu ta' eliminazzjoni tan-nitroġenu mill-ilma urban mormi (sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, C-335/07, EU:C:2009:612, punt 86, u tas-6 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja, C-438/07, EU:C:2009:613, punt 97).
- 114 F'dan il-każ, għalkemm ir-Renju tal-Isvezja ma jikkontestax li l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi tal-agglomerazzjoni ta' Töreboda ma għandu ebda tagħmir partikolari sabiex inaqqas il-konċentrazzjoni ta' nitroġenu preżenti fl-ilma mormi u għalhekk jelimina biss madwar 43 %, dan l-Istat Membru jsostni li l-assorbiment naturali ta' 50 % addizzjonali għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, b'tali mod li n-nitroġenu preżenti fl-ilma mormi jitnaqqas b'total ta' 71 % qabel ma jilħaq l-ilmijiet kostali sensittivi.
- 115 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, kif ġie rrilevat mill-Avukata Ġenerali fil-punti 109 u 110 tal-konklużjonijiet tagħha, għalkemm il-Kummissjoni sostniet li r-Renju tal-Isvezja ma kienx ipproduċa data rilevanti li tippermettilha tivverifika l-allegazzjonijiet dwar l-assorbiment naturali tan-nitroġenu, hija ma indikatx preċiżament la fl-opinjoni motivata u lanqas fin-noti proċedurali tagħha liema miżuri kellha bżonn sabiex tkun tista' tivvalida l-mudell HYPE, b'tali mod li r-Renju tal-Isvezja ma kienx f'pożizzjoni li jipproduċi d-data mitluba preċiżament mill-Kummissjoni.
- 116 Fit-tieni lok, sa fejn ir-Renju tal-Isvezja rrefera għad-data disponibbli fis-sit internet tas-SLU, huwa kkontesta, b'mod sostanzjali u fid-dettall, id-data ppreżentata mill-Kummissjoni u l-konsegwenzi li jirriżultaw minnha (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2012, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-301/10, EU:C:2012:633, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 117 F'dawn iċ-ċirkustanzi, kif indikat l-Avukata Ġenerali fil-punt 111 tal-konklużjonijiet tagħha, il-Kummissjoni kellha teżamina l-kontenut tad-data disponibbli fis-sit internet inkwistjoni u, skont il-każ, tistaqsi, jekk ikun neċessarju, proroga tat-terminu jew sospensjoni tal-proċedura.
- 118 Issa, peress li l-Kummissjoni, minn naħa, ma talbitx, b'mod ċar u preċiż, miżuri speċifiċi intiżi li jiġi vverifikat il-mudell HYPE u, min-naħa l-oħra, peress li ma kinitx f'pożizzjoni li tikkontesta b'mod konvinċenti l-argument tar-Renju tal-Isvezja dwar l-assorbiment naturali tan-nitroġenu, għandu jiġi kkonstatat li hija ma rnexxilhiex turi n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271 fir-rigward tar-rilaxx tan-nitroġenu mill-impjant ta' trattament ta' ilma mormi tal-agglomerazzjoni ta' Töreboda.

119 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li r-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandu jiġi miċħud fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Töreboda.

– *L-agglomerazzjoni ta' Borås*

120 Fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Borås, għandu jiġi eżaminat in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi dwar il-valuri limitu u t-tnaqqis tal-konċentrazzjoni tan-nitroġenu fl-ilma mormi, imsemmija fl-Artikolu 5, tad-Direttiva 91/271, moqri flimkien mal-Artikoli 10 u 15 tagħha, fid-dawl tal-punti 111 sa 113 ta' din is-sentenza.

121 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punti 95 sa 97 tal-konklużjonijiet tagħha, li għalkemm ir-Renju tal-Isvezja, minħabba s-sostituzzjoni tal-impjant ta' trattament ta' ilma mormi preċedenti ta' din l-agglomerazzjoni fit-28 ta' Mejju 2018, inizjalment ikkomunika valur medju annwali ta' konċentrazzjoni ta' nitroġenu ta' 18 mg/l għaż-żewġ impjanti, xorta jibqa' l-fatt li dan l-Istat Membru pproduċa, fir-risposta tiegħu, data addizzjonali li toriġina minn kampjuni miġbura bejn it-28 ta' Mejju 2018 u l-5 ta' Settembru 2019 u li jistabbilixxu medja ta' 9 mg/l kif ukoll tnaqqis medju ta' 70 % fil-konċentrazzjoni tan-nitroġenu.

122 Kif jirriżulta mill-punti 58 u 59 ta' din is-sentenza, peress li t-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata kien it-8 ta' Jannar 2019, l-osservanza eventwali tar-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271 li saret wara din id-data ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni.

123 Madankollu, minn naħa, l-argument tal-Kummissjoni li ksur tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 91/271 jimplika awtomatikament ksur tal-Artikolu 5 ta' din id-direttiva ġie miċħud fil-punt 51 ta' din is-sentenza, u, min-naħa l-oħra, peress li r-Renju tal-Isvezja pproduċa kampjuni konformi mar-rekwiżiti tal-imsemmija direttiva għall-perijodu ta' bejn it-28 ta' Mejju 2018 u t-8 ta' Jannar 2019, għandu jiġi kkonstatat li l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi tal-agglomerazzjoni ta' Borås kien konformi mar-rekwiżiti imposti mill-Artikoli 5 u 10 tal-istess direttiva f'din l-aħħar data.

124 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li r-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandu jiġi miċħud fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Borås.

– *Fuq l-agglomerazzjoni ta' Skoghall*

125 Fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Skoghall, għandu jiġi eżaminat in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi dwar il-valuri limitu u t-tnaqqis tal-konċentrazzjoni tan-nitroġenu fl-ilma mormi, imsemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271, moqri flimkien mal-Artikoli 10 u 15 tagħha, fid-dawl tal-punti 111 sa 113 ta' din is-sentenza.

126 F'dan il-każ, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punti 102 u 103 tal-konklużjonijiet tagħha, għalkemm ir-Renju tal-Isvezja ammetta li, għal wieħed mill-impjanti ta' trattament tal-imsemmija agglomerazzjoni, il-konċentrazzjoni tan-nitroġenu fl-ilmijiet ittrattati minnha kellha, għall-perijodu bejn id-9 ta' Novembru 2017 u s-6 ta' Novembru 2018, valur medju annwali ta' 17 mg/l, xorta jibqa' l-fatt li dan l-Istat Membru pproduċa, fir-risposta tiegħu, data addizzjonali provenjenti minn kampjuni miġbura bejn is-6 ta' April 2018 u l-15 ta' Mejju 2019 u li jistabbilixxu medja annwali ta' 12 mg/l u tnaqqis medju ta' 73 % fil-konċentrazzjoni tan-nitroġenu.



- 127 Kif jirriżulta mill-punti 58 u 59 ta' din is-sentenza, peress li t-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata kien it-8 ta' Jannar 2019, l-osservanza eventwali tar-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271 li saret wara din id-data ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni.
- 128 Madankollu, minn naħa, l-argument tal-Kummissjoni li ksur tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 91/271 jimplika awtomatikament ksur tal-Artikolu 5 ta' din id-direttiva ġie miċħud fil-punt 51 ta' din is-sentenza, u, min-naħa l-oħra, peress li r-Renju tal-Isvezja pproduċa kampjuni konformi mar-rekwiżiti tal-imsemmija direttiva għall-perijodu ta' bejn is-6 ta' April 2018 u t-8 ta' Jannar 2019, għandu jiġi kkonstatat li l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi tal-agglomerazzjoni ta' Skoghall kien konformi mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 5 u 10 tal-istess direttiva f'din l-aħħar data.
- 129 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li r-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandu jiġi miċħud fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Skoghall.

– *Fuq l-agglomerazzjoni ta' Habo*

- 130 Fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Habo, għandu jiġi eżaminat in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi dwar il-valuri limitu u t-tnaqqis tal-konċentrazzjoni tan-nitroġenu fl-ilma mormi, imsemmija fl-Artikolu 5, tad-Direttiva 91/271, moqri flimkien mal-Artikoli 10 u 15 tagħha, fid-dawl tal-punti 111 sa 113 ta' din is-sentenza.
- 131 F'dan il-każ, għalkemm ir-Renju tal-Isvezja ma jikkontestax li l-impjant ta' trattament ta' ilma mormi tal-agglomerazzjoni ta' Habo ma għandu ebda tagħmir partikolari sabiex inaqqas in-nitroġenu fl-ilma mormi u għalhekk jelimina biss madwar 30 %, li jwassal għal medja annwali ta' 40 mg/l, dan l-Istat Membru jsostni li l-assorbiment naturali ta' 87 % addizzjonali għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, b'tali mod li n-nitroġenu preżenti fl-ilma mormi jitnaqqas b'total ta' 91 % qabel ma jilħaq l-ilmijiet kostali sensittivi.
- 132 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punti 109 u 110 tal-konklużjonijiet tagħha, għalkemm il-Kummissjoni sostniet li r-Renju tal-Isvezja ma kienx ikkomunikalha data rilevanti li tippermettilha tivverifika l-allegazzjonijiet ta' dan l-Istat Membru dwar l-assorbiment naturali tan-nitroġenu, hija ma indikatx preċiżament la fl-opinjoni motivata u lanqas matul il-proċedura ġudizzjarja ta' liema miżuri hija kellha b'zonn sabiex tkun tista' tivvalida l-mudell HYPE, b'tali mod li r-Renju tal-Isvezja ma kienx f'qagħda li jipproduċi preċiżament id-data mitluba mill-Kummissjoni.
- 133 Fit-tieni lok, kif jirriżulta mill-punti 110 u 111 tal-imsemmija konklużjonijiet, ir-Renju tal-Isvezja għamel riferiment għad-data disponibbli fis-sit internet tas-SLU, b'tali mod li l-Kummissjoni kellha teżamina l-kontenut ta' din id-data disponibbli fuq l-imsemmi sit internet u, jekk ikun il-każ, titlob, jekk ikun neċessarju, proroga tat-terminu jew sospensjoni tal-proċedura.
- 134 Issa, peress li l-Kummissjoni, minn naħa, ma talbitx, b'mod ċar u preċiż, miżuri speċifiċi intiżi li jiġi vverifikat il-mudell HYPE u, min-naħa l-oħra, peress li ma hijiex f'pożizzjoni li tikkontesta b'mod konvinċenti l-argument tar-Renju tal-Isvezja dwar l-assorbiment naturali tan-nitroġenu, għandu jiġi kkonstatat li hija ma rnexxilhiex turi n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271 fir-rigward tar-rilaxx tan-nitroġenu fl-agglomerazzjoni ta' Habo.
- 135 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li r-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandu jiġi miċħud fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Habo.

***Fuq it-tielet ilment, ibbażat fuq nuqqas ta' twettiq tal-obbligi tar-Renju tal-Isvezja taħt l-Artikolu 4(3) TUE***

*L-argumenti tal-partijiet*

- 136 Il-Kummissjoni ssostni li, billi naqas milli jikkomunikalha d-data rilevanti dwar l-agglomerazzjonijiet ta' Habo u ta' Töreboda, b'mod li jippermetti lil din l-istituzzjoni tivverifika l-argumenti invokati mir-Renju tal-Isvezja għan-nuqqasijiet allegati fil-konfront tagħha fir-rigward ta' dawn iż-żewġ agglomerazzjonijiet, dan l-Istat Membru naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 4(3) TUE.
- 137 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni li ma huwiex biżżejjed li Stat Membru jagħmel sempliċi allegazzjonijiet mingħajr ma jagħti lil din l-istituzzjoni l-mezzi sabiex tivverifika l-veraċità tagħhom. Għalhekk, il-Kummissjoni ssostni li, għalkemm ir-Renju tal-Isvezja jiddikjara li l-mudell HYPE, użat fil-kuntest tal-kalkolu tal-assorbiment tan-nitroġenu, huwa bbażat fuq miżuri reali, din l-istituzzjoni ma rċevietx informazzjoni mingħand dan l-Istat Membru dwar l-assorbiment ikkalkolat individwalment għal kull agglomerazzjoni, b'tali mod li hija ma setgħetx tivverifika dawn l-allegazzjonijiet.
- 138 B'mod iktar preċiż, din l-istituzzjoni la kienet f'pożizzjoni li tivverifika jekk l-assorbiment naturali tan-nitroġenu kienx isir fil-proporzjonijiet allegati u lanqas li twettaq evalwazzjoni xjentifika oġġettiva tal-veraċità tal-allegazzjonijiet tar-Renju tal-Isvezja fir-rigward tal-modalitajiet li ppermettew li jiġi ddeterminat l-perċentwali ta' assorbiment. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni li, peress li hija stess ma għandhiex setgħat investigattivi f'dan ir-rigward, il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali jeżiġi li Stat Membru jipprovdilha l-provi neċessarji sabiex tivverifika jekk id-dispożizzjonijiet ta' direttiva jkunux ġew implimentati b'mod korrett.
- 139 F'dan il-każ, id-data li ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni, li fuqha hija bbażata d-dikjarazzjoni uffiċjali tal-IMHS, tirriżulta minn database li ma hijiex ospitata mill-IMHS u li ma tispeċifikax il-kontenut ta' nitroġenu tal-fluss tal-ilma għall-perijodu ta' wara s-sena 2013. Il-Kummissjoni żżid li lanqas id-data li ġejja mill-imsemmija database ma tippermetti li tiġi ddeterminata l-portata tal-assorbiment tan-nitroġenu.
- 140 Ir-Renju tal-Isvezja jwieġeb li, minn naħa, huwa kkomunika informazzjoni rilevanti u, min-naħa l-oħra, tali informazzjoni toriġina mid-data tas-sorveljanza ambjentali aċċessibbli liberament fis-sit internet tas-SLU li, fil-kuntest tas-sorveljanza ambjentali, għabar data dwar l-ilma ħelu. L-IMHS tuża din id-data għax-xogħlijiet tagħha ta' validazzjoni u ta' kalibrizzjoni.
- 141 Barra minn hekk, ir-Renju tal-Isvezja jsostni li kemm il-mudell HYPE kif ukoll il-mudelli preċedenti li fuqhom huwa bbażat huma ddokumentati tajjeb u kienu s-suġġett ta' eżamijiet kif ukoll ta' testijiet xjentifiċi b'riżultati ppubblikati f'diversi studji u artikli xjentifiċi. Dan l-Istat Membru jsostni li żewġ studji xjentifiċi juru li dan huwa mudell affidabbli u jenfasizza, minn naħa, li l-validazzjonijiet u l-kalibrizzjonijiet jitwettqu fir-rigward ta' data mkejla mis-SLU u, min-naħa l-oħra, li l-istudji ċċitati jafferma li s-sit internet tal-IMHS għandu għodda li tippermetti li tintwera d-differenza medja, espressa f'perċentwali, bejn il-valuri tal-mudell u d-data mkejla.
- 142 Barra minn hekk, fir-risposta tiegħu għall-ittra ta' intimazzjoni tat-28 ta' Ġunju 2017, ir-Renju tal-Isvezja pprova spjegazzjonijiet iddettaljati dwar il-mudell HYPE u kkomunika lill-Kummissjoni informazzjoni tal-IMHS li tindika kif isiru t-trasporti u t-telf tan-nitroġenu kif

ukoll l-assorbiment naturali finali li b'hekk jinkiseb f'Habo u f'Töreboda. Għaldaqstant, dan l-Istat Membru jikkonkludi li huwa għamel dak kollu li kien possibbli għalih sabiex jikkoopera mal-Kummissjoni.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

- 143 Hemm lok li jifakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita dwar l-oneru tal-prova fil-kuntest ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 258 TFUE, hija l-Kummissjoni li għandha tistabbilixxi l-eżistenza tal-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Hija għandha tipprovdi lill-Qorti tal-Ġustizzja l-elementi neċessarji għall-verifika minn din tal-eżistenza ta' tali nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, mingħajr ma tkun tista' tibbaża ruħha fuq kwalunkwe preżunzjoni (sentenza tal-14 ta' Jannar 2021, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Kontribuzzjoni għax-xiri ta' karburanti), C-63/19, EU:C:2021:18, punt 74 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 144 Madankollu, skont l-Artikolu 4(3) TUE, l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw lill-Kummissjoni t-twettiq tal-missjoni tagħha, li tikkonsisti, b'mod partikolari skont l-Artikolu 17(1) TUE, fis-sorveljanza tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE kif ukoll tal-miżuri adottati mill-istituzzjonijiet abbażi tiegħu. B'mod partikolari, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, fir-rigward tal-verifika tal-applikazzjoni korretta fil-prattika tad-dispożizzjonijiet nazzjonali intiżi li jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva ta' direttiva, il-Kummissjoni, li ma għandhiex setgħat investigattivi proprji f'dan il-qasam, tiddependi ħafna fuq il-provi prodotti minn eventwali lanjanti kif ukoll mill-Istat Membru kkonċernat (sentenza tat-18 ta' Ottubru 2012, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-301/10, EU:C:2012:633, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 145 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li r-Renju tal-Isvezja wieġeb għat-talba tal-Kummissjoni li jiġu kkomunikati lilu r-riżultati tal-miżuri l-iktar reċenti dwar it-tnaqqis tan-nitroġenu fl-agglomerazzjonijiet ta' Habo u ta' Töreboda billi rrefera għad-dikjarazzjoni tal-IMHS li tindika li din kienet effettivament ibbażata fuq miżuri iktar reċenti ta' dan il-kontenut iżda li dawn ma kinux disponibbli fis-sit internet tagħha minħabba l-fatt li dawn kienu ġejjin mid-database ta' istituzzjoni oħra.
- 146 Madankollu, kien biss matul il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri fir-risposta tiegħu, li r-Renju tal-Isvezja informa lill-Kummissjoni li l-imsemmija data kienet miżmuma mis-SLU u li hija kienet liberament disponibbli fis-sit internet ta' din l-università.
- 147 Għandu jiġi rrilevat li, b'dan il-mod, ir-Renju tal-Isvezja kkomunika, matul il-proċedura prekontenzjuża, lill-Kummissjoni informazzjoni inkompleta u ostakola l-iżvolġiment tajjeb ta' din il-proċedura.
- 148 Kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 123 tal-konklużjonijiet tagħha, minkejja li l-Kummissjoni kkontestat in-nuqqas ta' data speċifika, dan l-Istat Membru la kkomunika tali data u lanqas ma indika s-sors tad-data l-iktar reċenti jew ir-referenza tagħha fuq l-internet. Dan in-nuqqas ippreġudika l-preparazzjoni ta' dan ir-rikors mill-Kummissjoni.
- 149 Minn dan jirriżulta li, ir-Renju tal-Isvezja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 4(3) TUE, peress li, matul il-proċedura prekontenzjuża, ma pprovdiex lill-Kummissjoni l-informazzjoni li kienet teħtieġ sabiex tkun tista' tevalwa jekk l-impjanti ta' trattament ta' ilma mormi tal-agglomerazzjonijiet ta' Habo u ta' Töreboda kinux konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271.

150 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li:

- billi ma żgurax li, qabel ma ġie skarikat, l-ilma mormi provenjenti mill-agglomerazzjonijiet ta' Lycksele, ta' Malå u ta' Pajala kien suġġett għal trattament sekondarju jew għal trattament ekwivalenti, ir-Renju tal-Isvezja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 4 moqri flimkien mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 91/271, u
- billi ma pprovdix lill-Kummissjoni, matul il-proċedura prekontenzjuża, l-informazzjoni li kienet tehtiegħ sabiex tkun tista' tevalwa jekk l-impjanti ta' trattament ta' ilma mormi tal-agglomerazzjonijiet ta' Habo u ta' Töreboda kinux konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271, ir-Renju tal-Isvezja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 4(3) TUE.

### **Fuq l-ispejjeż**

151 Skont l-Artikolu 138(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom, peress li l-partijiet tilfu rispettivament fuq kap wieheh jew iktar.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**1) Billi ma żgurax li, qabel ma ġie skarikat, l-ilma mormi provenjenti mill-agglomerazzjonijiet ta' Lycksele, ta' Malå u ta' Pajala kien suġġett għal trattament sekondarju jew għal trattament ekwivalenti, ir-Renju tal-Isvezja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi, kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008, moqri flimkien mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 91/271, kif emendata bir-Regolament Nru 1137/2008, u**

**billi ma pprovdix, matul il-proċedura prekontenzjuża, lill-Kummissjoni Ewropea l-informazzjoni li kienet tehtiegħ sabiex tkun tista' tevalwa jekk l-impjanti ta' trattament ta' ilma mormi tal-agglomerazzjonijiet ta' Habo u ta' Töreboda kinux konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271, kif emendata bir-Regolament Nru 1137/2008, ir-Renju tal-Isvezja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 4(3) TUE.**

**2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.**

**3) Il-Kummissjoni Ewropea u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

Firem